Marzu 2018 • Vol 25 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



"Nixtieq nara iktar nisa jagħtu s-sehem tagħhom fil-Korp"

…l-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo

Newspaper Post

Advert




Ritratt - CMRU

Marzu 2018 • Vol 25 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

6. Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

8. Dan l-aħħar...

15. Mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea

16. Il-Multikulturaliżmu u l-isfidi ġodda għall-Pulizija

19. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

20. Żjara mill-istudenti tal-Kulleġġ Marija Reġina, Mosta

22. Malta Police Association

25. Ir-responsabbiltà trejdunjonistika

29. L-ewwel Assistent Kummissarju mara fil-Korp tal-Pulizija

40. Il-*Counselling* u s-Servizz tal-*Employee Support Programme*

43. Paġna għat-tfal

45. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

51. Kors tat-Tieni Livell għall-Uffiċjali *SIRENE* 2017 f'Malta

52. Fuq fuq... dwar bidu ta' prattiċi forensiċi f'Malta

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

59. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju

08



29



45



62



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

advert

# Editorjal

Għat-tieni sena konsekuttiva qed niddedikaw din il-ħarġa ta' Marzu, għall-Pulizija nisa. Ikolli ngħid li ma kinitx wisq diffiċli biex nagħżlu min ħa jkun il-protagonist f'din il-ħarġa, għax ma tistax issemmi n-nisa fil-Korp u ma tiġikx f'moħħok l-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo; il-mara li fetħet it-triq beraħ, għall-avvanz tal-Pulizija nisa fil-Korp.

Mhux xi sigriet jekk ngħid li fil-maġġoranza tad-drabi hija Uffiċjal li isimha nassoċjawh mad-dixxiplina u ma' dak il-leħen sod li appena tirrispondi t-telefown tgħidlek, 'Hello, il-Ma'am!'

Iżda mhux biss, għal ħafna minna hi wkoll ispirazzjoni u min qatt ma kellu ċ-ċans li jsir jafha iżjed mill-viċin, permezz tal-intervista se jsir jaf ftit iżjed min hi 'l barra mix-xogħol.

Nagħlaq billi niddedika dan l-editorjal lill-kollegi nisa kollha, li forsi xi darba jew oħra jista' jkun li sfaw iddiskrimanti, sempliċiment għax huma nisa.

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

ADVERT

# Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

Għeżież kollegi,



Wara l-kontribut tiegħi fl-aħħar ħarġa, ilqajt bil-ferħ l-istedina li għamilli l-bord editorjali sabiex nibda nikkontribwixxi b'artiklu f'kull ħarġa ta' dan il-magażin tant segwit minnkom.

Dan l-artiklu ġie mnebbaħ minn intervista li kelli ftit tal-jiem ilu fuq stazzjon politiku televiżiv. L-intervista, l-ewwel waħda tiegħi fuq it-televiżjoni mindu bdejt nokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv, kellha tiffoka fuq numru ta' temi amministrattivi iżda sfortunatament il-ħin kien wieħed limitat ħafna u ftit li xejn kellna ċ-ċans niffukaw fuq il-materji li dwarhom ġejt mistieden fuq il-programm. Kien għalhekk li ddeċidejt li naqsam parti minn dak li kien fi ħsiebi naqsam mat-telespettaturi tal-istazzjon u magħkom kollegi fil-Korp.

Bħalissa l-Korp għaddej minn riforma siekta u inkrimentali intenzjonata li ġġib bidliet neċessarji bl-anqas xkiel possibbli. Għaddejjin b'laqgħat mal-Kummissjoni Ewropea biex naraw kemm huwa possibbli li programm ta' modernizzazzjoni msejjes fuq perjodu ta' bejn tlieta u ħames snin ikun iffinanzjat kollu jew parzjalment minn fondi Ewropej. Fl-istess waqt il-Korp qiegħed jidħol fi sħab ma' dipartimenti u aġenziji oħra tal-Gvern bil-għan li nipprevjenu l-kriminalità u dan billi bdejna nimplimentaw l-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità. Fl-aħħar mill-aħħar, kif jisħaq Sir Robert Peel, missier il-pulizija moderna, '*the test of police efficiency is the absence of crime and disorder, not the visible evidence of police action in dealing with them*'.

Fl-istess intervista televiżiva kellna niddiskutu l-Korp mil-lenti tan-nies. Huwa fundamentali li t-tmexxija tal-Korp tħoss il-polz tan-nies u tifhem sew x'jistenna l-pubbliku mill-Korp tal-Pulizija. Fl-aħħar mill-aħħar, kif nitgħallmu mill-*marketing*, il-klijent huwa r-re u l-klijenti tagħna mhuma ħadd għajr kull ċittadin Malti u Għawdxi li qed jiffinanzjaw l-operat tagħna permezz tat-taxxi li qed iħallsu. Sabiex nifhmu aħjar x'jistenna l-pubbliku mill-pulizija, din is-sena huwa ppjanat li nikkummissjunaw *public attitude survey*. Stħarriġ ta' din ix-xorta li kien sar fl-aħħar tas-snin disgħin kien wera kif il-maġġor parti assoluta tan-nies jippreferu aktar pulizija fil-komunità milli ġewwa l-għases.

F'dan l-isfond, bħalissa l-Korp għaddej b'ħidma biex iżid il-preżenza tal-pulizija fit-toroq. Apparti li l-*fixed point duties* issa qed jitħaddmu fuq bażi ta' *overtime* sabiex b'hekk ma jitnaqqrux riżorsi mid-*detail*, qegħdin fil-proċess biex, kif isir f'pajjiżi oħra, ċertu xogħol meqjus bħala *non-core police duty* li bħalissa jsir mill-pulizija, jibda jsir minn uffiċjali pajżana impjegati mal-Korp. Fl-istess waqt qed naraw li aktar servizzi jiġu pprovduti *online* filwaqt li servizzi oħrajn bħalissa offruti mill-Korp jgħaddu għand istituzzjonijiet oħra, kemm dawk governattivi kif ukoll dawk privati.

Pari passu maż-żieda tal-pulizija fit-triq, qed jiġu proposti metodi ta' *targeted policing* fejn allura l-Korp irid jutilizza ferm aħjar l-informazzjoni fil-pussess tiegħu sabiex jipprevedi u jimmitiga t-twettiq ta' ċertu tip ta' reati kommessi minn ċertu tip ta' individwi f'ċertu tip ta' lokalitajiet magħrufa bħala *crime hotspots*. B'dan il-mod, il-Korp tal-Pulizija jkun jista' jutilizza r-riżorsi tiegħu b'mod aktar razzjonali u jkun aktar proattiv fil-ħidma tiegħu biex titnaqqas il-kriminalità. Qegħdin fl-istess waqt f'diskussjonijiet sabiex ir-rispons tal-pulizija ikun wieħed aktar veloċi u dan billi partikolarment insaħħu r-*Rapid Intervention Unit* kemm b'riżorsi umani kif ukoll b'mezzi oħra neċessarji fit-twettiq tal-ħidma tagħhom sabiex il-poplu Malti u Għawdxi jkun moqdi aħjar.

Filwaqt li matul din is-sena ser inkomplu bi proġetti ta' rinovar fl-għases distrettwali, qegħdin ninvestu f'aktar tagħmir teknoloġiku sabiex ix-xogħol tal-pulizija tad-distrett ma jibqax jiddependi tant mill-ħidma ċentrali. Għaldaqstant din is-sena ser inżidu aktar *interviewing rooms* awdjo-viżivi ġewwa l-għases biex il-ħidma tagħna tkun aktar trasparenti u kontabbli. Fl-istess waqt, wara diversi xhur ta' testijiet, aktar kmieni din is-sena bdejna noperaw apparat teknoloġiku li jagħmilha possibbli li l-uffiċjali distrettwali jieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni u li dawn jiddaħħlu f'*database* ċentralizzata mingħajr il-ħtieġa li dawn il-persuni jinġiebu fil-Kwartieri Ġenerali. Qegħdin f'diskussjonijiet ukoll mal-Ministeru tal-Ġustizzja sabiex is-sistema arkajka tal-*bail* tiġi żviluppata f'waħda teknoloġika u li allura tiffaċilità ferm aktar il-kontrolli tal-pulizija f'dar-rigward.

Kif tistgħu timmaġinaw kelli ferm aktar informazzjoni x'ngħaddilkom imma bħall-intervista, l-ispazju għal dan l-artiklu huwa wieħed limitat! Nieħu l-okkażjoni però biex ninfurmakom li kull min jixtieq jagħmel kuntatt miegħi partikolarment bi proposti intenzjonati li jsaħħu l-operat tal-Korp, jista' jagħmel dan permezz tal-indirizz postali tiegħi angelo.gafa@gov.mt. Nawguralkom il-ħidma t-tajba.

ADVERT

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Nhar l-4 ta' Diċembru 2017 f'ċerimonja mmexxija mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, 38 uffiċjal, li sebgħa minnhom huma nisa, ħadu l-ġurament sabiex ikomplu jservu fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli ta' riserva wara li temmew 25 sena servizz.

Il-Ministru fid-diskors tiegħu, filwaqt li semma li s-sena 2017 kienet waħda impenjattiva għall-Korp, huwa rringrazzja lill-pulizija tax-xogħol ta' sigurtà li wettqu fl-iktar żewġ avvenimenti kbar tas-sena li kienu l-għeluq tal-Presidenza u l-elezzjoni ġenerali.

Il-Kummissarju, min-naħa tiegħu fetaħ id-diskors billi qal li l-kuntistabbli ta' riserva għandu jkollhom l-istess entużjażmu għax-xogħol bħal meta ħadu l-ewwel ġurament tagħhom fil-Korp snin ilu. Huwa qal li l-esperjenza vasta li għandhom dawn il-membri se sservi għall-Korp kollu.



F'ċerimonja ġewwa s-sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar l-14 ta' Diċembru 2017, 74 pulizija u eks pulizija ġew onorati b'midalja għal servizz twil u effiċjenti.

Il-Ministru Michael Farrugia kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija ħejjew diskors għall-okkażjoni, fejn il-Ministru Farrugia tenna li mhux se jħalli lil min jagħmel dell ikrah fuq il-Korp u saħaq għal aktar ħidma biex ir-rispett lejn il-Pulizija jiżdied.



Il-Kummissarju Lawrence Cutajar min-naħa tiegħu saħaq li din iċ-ċerimonja għandha skop partikolari fejn l-Istat jirrikonoxxi x-xogħol u ż-żmien twil li l-membri jkunu servew fil-Korp u qal li mhux faċli li wieħed iservi speċjalment f'dawn iż-żminijiet.

Filwaqt li awgura xewqat sbieħ lill-pulizija kollha u l-familjari tagħhom, il-Kummissarju qal li hu ta' sodisfazzjon għalih li kellu l-unur jaħdem ma' bosta minn dawn il-membri preżenti għaċ-ċerimonja tul kważi 40 sena ta' servizz tiegħu.

ADVERT

advert

Is-16 ta' Diċembru 2017 għal grupp ta' 96 rekluta kienet il-ġurnata li fiha bdew il-karriera tagħhom ġewwa l-Korp tal-Pulizija. Filfatt 66 raġel u 30 mara temmew b'suċċess kors ta' tnax-il ġimgħa li fih irċevew taħriġ intensiv kemm fiżiku u kemm akkademiku.

Iċ-ċerimonja, jew kif inhi magħrufa bħala l-*Pass Out Parade* saret ġewwa l-Forti Sant' Iermu, u kienet ippreseduta mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia u mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar.

F'diskors li għamel il-Ministru Farrugia spjega lir-rekluti ġodda li huma issa deħlin f'familja ikbar li tħares il-poplu. Qalilhom li ħa jkun spalla ma' spalla magħhom f'kull kritika inġusta, madankollu jistenna li l-pulizija jagħmlu dak li hu mistenni minnhom.

Il-Ministru rringrazzjahom tax-xogħol li jagħmlu u lill-familjari tagħhom għas-sagrifiċċji tagħhom. Appella li issa l-familjari tagħhom għandhom jifhmu l-pożizzjoni tagħhom li jservu fil-Korp. Ikkonkluda billi filwaqt li awguralhom l-akbar suċċess, inkoraġġihom sabiex jieħdu l-opportunitajiet biex jimxu 'l quddiem fil-karriera tagħhom fil-Korp.

Is-Sur Lawrence Cutajar, Kummissarju tal-Pulizija saħaq dwar l-importanza tat-tagħlim u li hu importanti li r-rekluti jkomplu fl-istudji tagħhom fil-liġijiet u f'suġġetti oħrajn relatati mal-pulizija. Il-Kummissarju spjega kif il-ġurament li kienu għadhom kif ħadu jfisser ġurament ta' lealtà, ta' onestà u ta' integrità lejn ir-Repubblika ta' Malta u lejn iċ-ċittadini. Filwaqt li awguralhom, il-Kummissarju fakkarhom li l-pulizija għandhom ikunu protetturi tal-vittmi tal-kriminalità.

Matul dan il-kors, ir-rekluta Sarah Apap ingħatat il-premju tal-aqwa rekluta u ġiet l-ewwel fit-taħriġ akkademiku. Minn hawn nifirħu u nilqgħu lil dawn il-kollegi ġodda fil-Korp tal-Pulizija.



Nhar is-7 ta' Jannar, 2018 il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar ippresedew ċerimonja ta' għotjiet ta' premjijiet bħala rikonoxximent ta' servizz eċċellenti lil numru ta' membri fil-Korp tal-Pulizija.

B'kollox tmien membri tal-Korp ingħataw ċertifikat ta' kommendazzjoni u ta' mertu filwaqt li d-Distrett li rnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalità kien Distrett 6A u b'hekk ingħata l-premju tax-*Shield* tas-sena.

F'din iċ-ċerimonja wkoll, 73 eks membri tal-Korp ingħataw ċertifikat u tifkira wara li rtiraw mis-servizz is-sena li għaddiet u servew fil-Korp għal 25 sena jew iktar.

Il-Ministru Farrugia filwaqt li faħħar ix-xogħol kontinwu tal-pulizija, rringrazzja lill-membri kollha tal-Korp tas-servizz tagħhom u talli jkunu eżemplari fil-ħajja tagħhom u jaqdu dmirijiethom waqt il-ħin tax-xogħol u anki meta ma jkunux xogħol. Min-naħa l-oħra kkundanna lil min ma jagħmilx xogħolu u bl-aġir tiegħu jitfa' dell ikraħ fuq sħabu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li l-amministrazzjoni tal-Korp turi apprezzament lejn l-uffiċjali li taw is-servizzi tagħhom u tenna li ħa jkompli jaħdem biex ikun hemm benefiċċji aħjar għall-Korp sabiex ikollna iktar riżultati pożittivi.



advert

ADVERT

# Mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea

minn Stefania Sgandurra – *Research Analyst* fi ħdan il-Korp

Sa ftit snin ilu l-ewwel prijorità għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kienet l-immigrazzjoni illegali u b'hekk il-fondi ddedikati għall-pajjiżi Ewropej kienu jindirizzaw il-ħarsien tal-fruntieri u dawk il-kwistjonijiet relatati ma' din il-problema. Madankollu, wara l-attakki terroristiċi fl-Ewropa l-punt fokali sar proprju dak tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u xi delitti jew kriminalità organizzata relatati mal-iffinanzjar tagħhom. Għalhekk l-UE issa ddedikat fondi biex jipprevjenu, jikkumbattu u jistabbilixxu sistema ta' twissija bikrija biex jiġu evitati inċidenti tali li jistgħu joħolqu terrur.

Infatti, jekk wieħed jiftakar tliet snin ilu bl-istess raġunament, il-Korp tal-Pulizija kien stabbilixxa unità li tanalizza d-data li tiġi avvanzata mil-linji tal-ajru fuq il-passiġġieri bl-iskop li jiġi evitat id-dħul illegali ġewwa Malta – *Advance Passenger Information Unit* (APIU). Bl-istess mod, illum il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qed jipprepara biex jistabbilixxi unità tal-informazzjoni tal-passiġġieri (*Passenger Information Unit* jew PIU) bil-ħsieb li jeżaminaw it-tendenzi ta' dawk il-passiġġiera li jkun hemm suspett li jistgħu jkunu terroristi jew f'xi sistema ta' reklutaġġ ta' terroristi. Iżda aktar informazzjoni dwar din is-sistema ser tingħata aktar tard fl-artiklu li ser ikun iddedikat biss għall-*Passenger Name Record* (PNR) fil-ħarġa li jmiss, f'Ġunju.

Kif konna qegħdin ngħidu, l-UE fl-2014 stabbiliet il-Fond tas-Sigurtà Interna liema fond jispiċċa fl-2020. Taħt din l-umbrella ta' fondi, il-Korp ser jibbenifika madwar 9 miljun ewro tul dan il-perjodu. Din id-darba, barra l-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-għan tal-fondi disponibbli qed jiffukaw fuq kif tista' tiġi ffaċilitata l-ħidma u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata permezz ta' għodda tat-teknoloġija (bħal *databases* li jitkellmu mal-pajjiżi Ewropej jew mal-Interpol u l-Europol) jew għamar iktar modern (bħal sistemi ta' sorveljanza sofistikati).

L-Unità ta' Kontra t-Terroriżmu (iktar magħrufa fostna bħala s-CTU) fi ħdan il-Pulizija ta' Malta, infatti bbenefikat minn dawn il-fondi u akkwistat sistema ta' sorveljanza tal-ogħla teknoloġija li tikkonsisti f'erba' kameras u tagħmir ieħor relatat ma' sorveljanza li jiswew mal-mitejn elf ewro.

Ta' min jgħid li barra mill-fondi li semmejna hawnhekk, hemm ukoll xi fondi li jingħataw minn żmien għal żmien direttament mill-Kummissjoni tal-Ewropa u kull branka/unità/taqsima jew uffiċċju fi ħdan il-Korp jista' jibbenefika minn dawn il-fondi. Għaldaqstant l-Uffiċċju tal-Fondi tal-UE (li jinstab fl-ewwel sular fejn l-uffiċċju tar-Riżorsi Umani fid-*depot*) huwa dejjem disponibbli għal kull informazzjoni u biex tingħata l-għajnuna neċessarja biex inkunu nistgħu niksbu l-miri nazzjonali u Ewropej. Biex tikkuntattjana tistgħu tiktbu fuq euprojects.police@gov.mt jew billi ċċemplu fuq 2294 2146 / 2196 jew tiġu sa ħdejna direttament.

Dejjem għas-servizz tagħkom

Internal Security Fund 2014 – 2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Internal Security

# Il-Multikulturaliżmu u l-isfidi ġodda għall-Pulizija

Minn Dr Anthony Licari, Lecturer, Diplomatiku, Traduttur u Interpretu

Matul iż-żminijiet, kien hemm il-fenomenu ta' gruppi ta' individwi li telqu minn pajjizhom u marru jgħixu f'pajjiż ieħor. Il-Maltin għamlu hekk fl-antik lejn pajjiżi Nord-Afrikani u iktar riċenti lejn pajjiżi bħall-Kanada, l-Awstralja u l-Amerika. Fiż-żewġ każi, għarfu jadattaw irwieħhom għal kundizzjonijiet ġodda ta' għixien u integraw tajjeb mal-ambjent soċjali u ċ-ċittadini tal-pajjiż adottiv.

B'mod ġenerali, nistgħu ngħidu li l-pajjiż adottiv tal-Maltin laqa' b'mod pożittiv lil dawn ir-residenti ġodda. Ir-raġuni mhix diffiċli biex wieħed jiddentifikaha. L-emigranti Maltin urew sens ta' gratitudni lejn il-pajjiżi li ospitawhom. Ħadu interess fil-lingwa, l-ekonomija u lejn l-aspetti kollha l-oħra kulturali tal-pajjiż adottiv. Għall-Maltin, dan kien dover u wkoll pjaċir.

L-għajxien ta' bniedem f'daqqa waħda ġo pajjiż ieħor iġib miegħu ċerti responsabbiltajiet u saħansitra skumditajiet ta' adattazzjoni għan-normi u t-tradizzjonijiet tal-pajjiż il-ġdid. Biex nagħti eżempju sempliċi, jekk inti tilqani ġo darek, jien ma nistax ngħidlek x'għandek issajjar, jew x'tip ta' għamara jew attrezzi dekorattivi inti għandek tippreparali għas-sodisfazzjon gastronomiku u estetiku tiegħi. L-istess stedina tiegħek għalija f'darek għandha tkun l-akbar sodisfazzjon għalija. L-affarijiet kollha l-oħra huma sekondarji, superfiċjali jew, kif ġieli nsejħulhom, parafernali. Għalhekk, il-gratitudni għandha tkun bla kundizzjonijiet.

F'pajjiżna minn dejjem kellna viżitaturi barranin turistiċi, kummerċjali u oħrajn. Aħna minn dejjem osservajna kif jaħsbu, kif jitkellmu u x'inhuma x-xewqat tagħhom f'kull qasam. Din ma kinitx sfida kbira għalina fil-qasam turistiku. Dan għaliex it-turist iżurna għal ftit żmien biex igawdi s-sbuħija ta' pajjiżna u tal-karattru simpatiku tagħna. Peress li dan iħalli qligħ u xogħol għalina, nippruvaw nagħmlu l-mawra tiegħu f'pajjiżna kemm jista' jkun pjaċevoli. Dan saħansitra b'ċerti sagrifiċċji għalina bħal żieda fit-traffiku, fl-iffullar kullimkien eċċetra.

L-immigrazzjoni lejn pajjiżna mhix riżultat dirett ta' xi tip ta' kolonjaliżmu li pprattika pajjiżna matul iż-żminijiet bħalma hu l-każ ta' ċerti pajjiżi Ewropej bħall-Ingilterra, Franza, Spanja, l-Italja, il-Portugall, il-Belġju u l-Olanda. Dan ifisser li d-dover tagħna li naċċettaw immigrant f'pajjiżna hu dover morali inqas qawwi minn ta' pajjiżi ex-kolonizzaturi, għaliex id-dover tagħna hu biss morali u umanitarju iżda mhux kompensatorju għal xi benefiċċji kolonizzanti li gawdejna fil-passat. Malta taċċetta fiċ-ċokon tagħha numru ta' immigranti sempliċement biex ittaffi t-tbatijiet li għandhom fil-pajjiż oriġinali tagħhom. Dan ifisser li l-kooperazzjoni ta' Malta dwar l-immigrazzjoni mhix għal xi tip ta' gwadann, mhix attività kummerċjali, iżda filantropika.

Malta offriet ospitalità għal numru kbir ta' immigranti Ewropej u Afrikani. Ġeneralment dawn ikollhom f'pajjiżhom problemi ta' qagħad, faqar jew gwerer. Ħafna minnhom, madankollu jiġu għax semgħu li s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika f'pajjiżna hi aħjar minn tagħhom. Dan jissejjaħ il-fenomenu tat-tiftix għal ħajja aħjar.

Peress li l-immigranti mhumiex turisti, dawn ma jġibu xejn magħhom ħlief xi talenti professjonali jew addirittura xejn affattu. Per konsegwenza, id-doveri u r-responsabbiltajiet tal-immigranti lejn Malta hu ħafna ikbar minn dawk tat-turisti. Biex nagħti eżempju sempliċi, aħna l-Maltin nixtiequ li l-immigranti f'Malta jġibu ruħhom bħall-immigranti Maltin f'pajjiżi oħra, ċioè b'korteżija u ħbiberija kbira lejn in-nies u l-pajjiżi ospitanti. Għandhom id-dover li jikkontribwixxu għall-paċi, is-serenità u r-rispett tal-ordni.

Bħall-immigranti Maltin f'pajjiżi oħra, aħna nixtiequ u nippretendu li min joqgħod magħna jħobbna, japprezzana u jikkopera magħna. L-ex-President Franciż Nicolas Sarkozy – li missieru stess kien immigrant Ungeriż fi Franza waqt li Nicolas ingħata saħansitra l-edukazzjoni u l-opportunitajiet li jilħaq President ta' Franza - kien spiss jiddikjara li "Lill-Franza, jew tħobbha jew titlaqha." Din filosofija loġika li tapplika għal kullimkien anki għal Malta.

Pulizija u immigranti. Fortunatament, il-maġġoranza tal-immigranti Afrikani u Ewropej f'Malta jġibu ruħhom kif Sarkozy xtaq li l-immigranti jġibu ruħhom fi Franza. Iżda l-Pulizija f'Malta ġieli jkollha problemi ma' immigranti li ma jirrispettawx ir-regoli bażiċi tal-mistednin fid-dar kollettiva tagħna, ċioè pajjiżna, ċioè Malta.

Dan ifisser li r-regoli tal-integrazzjoni mhux dejjem osservati. X'inhi l-integrazzjoni? Din tfisser id-dover tal-mistieden li jkun ċivili u amikevoli ma' min stiednu. Hemm diversi tipi ta' nuqqas ta' integrazzjoni. Jekk inti tiġi f'dari u tgerger kemm tiflaħ kontra kull min hemm fiha u kulma hemm fiha, tkun qed turi nuqqas ta' dover integrazzjonali. Dan diġà nuqqas. Agħar minn hekk, jekk inti toħloq sitwazzjonijiet kriminali ġo dari stess wara li stedintek, dan hu nuqqas kbir ta' rispett u apprezzament.

Naturalment, il-popolazzjoni Maltija tippretendi mill-immigranti Afrikani u Ewropej imħabba lejn il-kultura u d-drawwiet tagħna.

Fuq kollox, il-Maltin jippretendu mill-mistednin tagħna imħabba u rispett mill-aqwa lejn il-Pulizija tagħna.

anthonyl@maltanet.net

ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Nixtieq nirringrazzja lil PS 1122, PC 115 u WPC 93 ghal ghajnuna li taw lil missieri llum 28 ta' Gunju gewwa r-residenza tieghu l-Kalkara ghax bl-intervent immedjat taghhom giet salvata hajja. Ufficjali bhal dawn jaghmlu unur lil Korp tal-Pulizija. Grazzi.

I would like to say a big thank you to pc 387 & pc 1034 from mellieha station for there help and assistance. Today I had blow out on my van on the bypass I stopped at the station to advise that I had to leave the van on the bypass while I got help as I could not get the wheel off. They kindly came with me and took it off, when I returned they fitted the new one on the van before going back to the station. Thanks again I hope these two pc's are recognised for there good work they are 5 star.

I would like to thank Sergeant Audrey Micallef and colleagues Wpc 70 Marthese Bartolo and Wpc 81 Joanne Sevasta Mula. I lost my wallet in the Malta airport when leaving from vacation. They contacted me via Facebook and helped mail my wallet back to me in Vancouver, Canada! This was very helpful and all of them were very professional and extremely nice. I have family in Malta and will be coming back because of the wonderful and kind people.
Thank you!

To whom it may concern,

I am writing this email as an appreciation to the impeccable service received by sergeant Alan Buhagiar (PS 950) who served us very well at the Naxxar police station. He listened to our concern when our family relative was deceased in his house and animals were left inside since on the day when the inquiry started we were told by other officers and the sergeant present that these animals cannot be taken out.

Mr Alan Buhagiar truly went out of his way to make sure these animals were taken care of and the necessary cleaning is done. He contacted the cleansing department and wrote a very descriptive email explaining what needed to be taken. Since the service was done immediately the animals managed to be found alive and were saved.

We appreciate the work Mr Alan Buhagiar did for us since these were procedures that we had no idea how they had to be tackled. Also, we mostly appreciate how he took over the work of others since on the day when the inquiry started Mr Buhagiar was not working. He also asked for us to phone so he could follow up and make sure that everything was done as he had asked.

Hope this email arrives in the appropriate hands. May there be many more who work like Mr Buhagiar.

Message: I would like to commend and praise PS 1240 of the Qormi Police Station for his patience and dedication with me and my family regarding powder that was being produced and flowing into my house from a nearby factory. He took the care to contact all the people around me and ERA and to personally accompany officers from ERA in their investigations. He was ever courteous, calm and polite, even when in a panic I might have been rather loud.

May all officers take example from this man of integrity, who is a pride to the Police corps!

To the Commissioner of Police,

First of all I would like to excuse myself for the delay in writing this appraisal, owing to circumstances.

I would like to thank the police on duty number 1134 on Sunday afternoon, 11th June at the Valletta police station, who took prompt action when I reported the extremely annoying loud music which was causing us great damage health wise. Moreover, the harmful loud sounds forbid my granddaughter from carrying on with her preparation for her university examinations.

When I phoned back on the same day to thank the police on duty 1134 for taking prompt action, Sergeant 549 answered my call. He also should be praised for his politeness and kindness.

Last but not least, I would like to thank also police 1101 who was on duty on the previous day, Saturday 10th who was also polite when I reported the loud music that was going on late at night.

Dear Inspector Casha

I hope that this email finds you well. First of all I would like to show my appreciation to you and the Police Force for making today's visit possible and at such short notice. I appreciate this very much since I understand that the Force's workload is already taxing and yet you supported this event to the full.

I must say that today's visit was truly a success. PC 1525 Patrick Farrugia came fully prepared and equipped thus peaking the students' interest to the extreme. He kept them interested throughout the whole session so much so that they missed their break and they didn't even realise. If it was up to them, they would have kept PC Farrugia till the end of the day. They fully participated in the session and asked pertinent questions related to forensics. PC Farrugia delivered the session in an age appropriate way, going down to the students' level thus involving even those students with special needs.

Thank you once again for your help and support in making this visit possible. Kindly extend my gratitude to PC Farrugia who was very professional throughout.

# Żjara mill-istudenti tal-Kulleġġ Marija Reġina, Mosta

minn PS 845 Ian Vella – Għassa tal-Pulizija tal-Mosta

Id-Distrett numru 9/9A iqis il-*Community Policing* bħala wieħed mill-prijoritajiet waqt id-dmirijiet ta' kuljum ta' kull membru stazzjonat fl-imsemmi distrett. Matul ix-xahar ta' Novembru, il-Kulleġġ Marija Reġina – Primarja fil-Mosta ħa l-inizjattiva sabiex iġib l-istudenti l-Għassa tal-Mosta biex josservaw ix-xogħol illi jagħmlu l-Pulizija ta' Malta.



Dakinhar inzertajt kont qiegħed xogħol u b'hekk ħadt l-inizjattiva u tkellimt mal-studenti kollha li attendew ġewwa l-għassa. Ħallejt l-istudenti jesprimu ruħhom u joħorġu l-immaġinazzjoni kollha tagħhom meta ġew mistoqsija x'jaħsbu li hu x-xogħol tal-pulizija. Kien hemm min qal li l-pulizija jaqbdu n-nies il-ħżiena, qalu wkoll li l-pulizija jużaw il-karrozzi sabiex jiġru wara l-ħallelin, iżda ċ-ċirasa fuq il-kejk ħarġet meta waħda mill-istudenti qalet li l-pulizija jagħtu t-*tickets* lil ommha meta tkun qiegħda ssuq.

L-istudenti ġew mistoqsija wkoll x'tip ta' mezzi ta' trasport jużaw il-pulizija u bi ftit għajnuna kienu wkoll kapaċi jelenkaw vetturi li nużaw. Kien hemm min anke fost l-istudenti qal li l-pulizija jużaw il-*helicopter* biex jassistu lin-nies li huma fil-bżonn. Iżda l-innoċenza tat-tfal ħarġet meta ġew mistoqsija min jixtieq isir pulizija la jikber u ħaġa tal-iskantament kull student għolla jdejh.

Finalment, l-isbaħ mument taż-żjara kien meta kien sar il-ħin biex l-istudenti jirritornaw lejn il-klassijiet tagħhom u tara dik it-tbissima ħelwa fuq wiċċhom li turik li l-istudenti verament ħadu gost waqt iż-żjara qasira li kellhom. Kull student qabel ma telaq ingħata tifikira żgħira li għandha x'taqsam mal-pulizija li persważ li kif marru lura d-dar mill-ewwel marru juruha lill-ġenituri tagħhom u qalulhom dak li raw u semgħu waqt iż-żjara.

## Kopja ta' l-ittra ta' ringrazzjament:

Dear Sir (PS 845),

May we take this opportunity to thank you for welcoming us to your police station. The children were thrilled and enjoyed every minute of this visit. You made it very special!!!

Regards,
Ruth Vella / Amanda Bartolo / Marija Galea
Maria Regina College - Mosta Primary A
Kindergarten Annexe
K2.1/K2.2

ADVERT

Malta Police Association

Your Independent Union

mill-Ispettur Frankie Sammut

Għeżież Membri,

Għaddew tliet snin minn meta ġejna maħtura bħala membri fil-Kumitat Eżekuttiv u wasal iż-żmien sabiex jerġa' jinħatar kumitat ġdid. Kien ta' sodisfazzjon għall-membri tal-kumitat li mill-ħafna lmenti li kellna solvejna l-maġġor parti tagħhom u għinna kemm stajna lil kull min avviċinana u talabna l-assistenza.

Kif jaf kulħadd mhux kollox ward u żahar u l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kellha aktar tlajja' milli nżul. F'dawn it-tliet snin, apparti l-ilmenti individwali, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ħadet diversi pożizzjonijiet u deċiżjonijiet fejn saħansitra kellna nirrikorru ġewwa l-Qorti sabiex nitolbu d-drittijiet tagħna. Fost dawn hemm il-kawża li l-*MPA* ngħatat raġun mill-Qorti rigward l-irkant tal-armi fejn il-pulizija ngħataw id-dritt illi jipparteċipaw f'dan l-irkant. Iżda l-amministrazzjoni ħasset il-ħtieġa li tappella d-deċiżjoni tal-Qorti u għalhekk din qegħda fi stadju t'appell.

Fost id-deċiżjonijiet illi l-*MPA* ħadet favur il-membri tagħha nsibu l-ftuħ ta' kawża oħra rigward il-ħlas dovut lill-Uffiċjali tal-Pulizija għax-xogħol illi wettqu fic-*CHOGM*. Din għadha għaddejja peress illi qabel saret l-elezzjoni kien ser isir *administrative settlement* u l-uffiċjali kienu ser jitħallsu dak illi huwa dovut lilhom. Iżda meta nbidel il-Ministru Carmelo Abela, li minn hawn insellmulu, l-affarijiet żvolġew differenti u ma wasalna għall-ebda kompromess. Għalhekk ser inkomplu bis-smigħ tal-kawża.

Aktar minn hekk, bdew id-diskussjonijiet tal-ftehim settorjali fejn flimkien mal-*POU* għadna qed nistennew il-kontroproposti tal-Gvern. Tajjeb illi nfakkru li l-aħħar laqgħat saru ftit jiem qabel l-elezzjoni. Minn wara l-elezzjoni ma saret l-ebda laqgħa. L-*MPA* kellha laqgħa waħda mal-Ministru preżenti Dr Michael Farrugia, li minn hawn insellmulu, fejn assigurana li l-affarijiet qed jiċċaqalqu u fil-bidu ta' din is-sena l-ftehim settorjali ser jiġi konkluż. Nittamaw illi din il-ħolma ssir realtà.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, wara l-ftuħ tal-*Grievance Bord* speċjalment għall-inġustizzji li seħħew qabel l-2013, l-*MPA* ħasset il-ħtieġa li tgħarraf lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija bl-inġustizzja li l-Pulizija qed isofru fejn qed jiġu mġiegħla jaħdmu 46 siegħa u jitħallsu biss ta' 40 siegħa. L-*MPA* ħadet ħsieb illi tiffurmola l-iskrittura u tingħata lill-membri kollha tal-Korp sabiex jissottomettuha lill-Bord tal-Inġustizzji. L-*MPA* ikkommettiet ruħha li tgħin lil dawk kollha li ser jidhru quddiem dan il-bord u ċioè li jkunu membri tal-*MPA*. Dan ma sarx biex jidħlu aktar membri mal-*MPA* iżda biex ma jirrepetux ruħhom l-iżbalji tal-passat fejn kien jibqa' kulħadd fl-għama. Filfatt, ingħataw formoli lil kull membru tal-Korp, membri u mhumiex, u ħadd ma ntalab biex iħallas miżata.

Min-naħa tagħna nħossu li kienu tliet snin ta' suċċess b'ħidma sħiħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn kien strumentali sabiex jitbiddlu diversi kundizzjonijiet fosthom ix-xiftijiet. Nagħmluha ċara li d-deċiżjonijiet illi ħadet l-*MPA* mhumiex kontra l-Kummissarju preżenti iżda kontra n-nuqqas illi kien hemm f'amministrazzjonijiet preċedenti. Nħeġġu lil kull min hu interessat joħroġ għall-kumitat il-ġdid sabiex javviċina lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jew lis-Segretarju tal-*MPA* is-Surġent Johann Mifsud.

Jalla jkollna snin oħra ta' suċċess. Insellmulkom.

http://www.mpa.org.mt

ADVERT

ADVERT

# Ir-responsabbiltà trejdunjonistika

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Filwaqt li hawn ħafna membri tal-Korp tal-Pulizija li qed japprezzaw il-ħidma trejdunjonistika li qed twettaq il-POU-GWU, ikun hawn min xorta jibqa' jgħid li l-unjins qegħdin hawn għalxejn u d-dritt li nissieħbu fi trejd unjin mingħajr id-dritt t'azzjoni industrijali ma jiswa xejn. Però rridu noqogħdu attenti minn min ikun ġej ċertu diskors. Jekk ġej minn xi ħadd li jħobb joqgħod komdu hu, il-kritika fil-konfront tal-unjin tkun għax ikun tip ta' bniedem li jħares biss l-interess personali tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk dan id-diskors ikun ġej minn persuna li ġie bżonn is-servizz tal-unjin u ma sabx l-appoġġ li jixraqlu, din il-kritika tkun iġġustifikata. Huwa obbligu tagħna t-trejdunjonisti li nassistu lil ħaddiema fil-mumenti l-aktar li jkollhom bżonn, iżda huwa daqstant ieħor obbligu tagħna li nkunu ċari mal-ħaddiema fejn ma jkollhomx raġun u nispjegawlhom għaliex m'għandhomx raġun.

Filwaqt li personalment nemmen li l-Pulizija għandhom ikollhom id-drittijiet sħaħ bħal kull ħaddiem ieħor, inkluż id-dritt ta' strajk, nifhem li dawn id-drittijiet iġorru magħhom responsabbiltà u kull azzjoni trid tkun ipproporzjonata. Bħala eżempju nistgħu nsemmu dak li ġara riċentament ġewwa l-AirMalta. Għal min segwa daqsxejn il-kwistjoni li nqalgħet bejn il-piloti u l-AirMalta hemm ħafna x'wieħed jitgħallem minnha. Mhux se nidħol wisq fid-dettall, iżda bażikament il-kumpanija kienet lesta tagħti żidiet sostanzjali lil piloti (bħalma tat lill-kumplament tal-ħaddiema), iżda kien mitlub mill-piloti aktar flessibbiltà fix-xogħol tagħhom, inkluż fil-ħinijiet u dan sabiex il-kumpanija tkun tista' tkabbar l-operat tagħha. Kien evidenti li l-kumpanija kienet qed tkun raġjonevoli fit-talbiet tagħha u daqstant ieħor kien evidenti li l-piloti ma xtaqux ibiddlu l-prattiċi tax-xogħol tagħhom.

Minkejja li l-unjin tal-piloti kienu qed jikkunsidraw u setgħu jagħmlu strajk bil-konsegwenza li l-kumpanija jkollha impatt dirett ta' telf finanzjarju, dan eventwalment m'għamluhx għax l-unjin kienet responsabbli. Kieku sar l-istrajk, il-piloti kienu qed jissugraw li l-AirMalta tiġi ddikjarata falluta u jispiċċaw jitilfu anke dak li jgawdu llum, kif jgħid il-Malti kienu jitilfu 'l-qaleb u l-ġbejna'. Kien ċar ukoll li l-gvern kellu pjan ieħor biex Malta xorta jkollha l-linja tal-ajru tagħha fl-eventwalità li l-AirMalta kienet se tiġi ddikjarata falluta. Ħassejt li kelli nagħti eżempju ta' avveniment riċenti fit-trejdunjoniżmu biex wieħed jifhem aħjar kemm hi kbira r-responsabbiltà ta' min ikun qed jirrappreżenta lil ħaddiema, anke jekk bil-liġi għandhom id-dritt tal-istrajk.

Biex niġi lura għal dak li qed jiġri fil-kundizzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija, f'Marzu tas-sena l-oħra ċioè fl-2017, iż-żewġ unjins li jirrappreżentaw lill-membri tal-Korp (il-POU-GWU u l-MPA) konna ppreżentajna l-proposti tagħna sabiex intejbu l-kundizzjonijiet tal-Pulizija lill-awtoritajiet ikkonċernati.

Qabel fassalna d-dokument bil-proposti kien ikollna laqgħat regolari bejn esponenti taż-żewġ unjins u eventwalment wasalna għal proposti komuni. L-istess jiġri biex jiġu mfassla l-kontro-proposti min-naħa tal-amministrazzjoni, fejn isiru laqgħat bejn dawk kollha kkonċernati, normalment bejn esponenti mill-amministrazzjoni tal-Korp, mill-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-*Industrial Relation Unit* (IRU).

Għaldaqstant meta jsiru dawn il-laqgħat bejn l-entitajiet imsemmija, ma jfissirx li l-unjins qed jiġu mwarrba, imma jkunu qed jiġu mfassla l-kontro-proposti bl-istess mod li konna niltaqgħu l-unjins bejnietna. Minkejja dan wieħed jista' jikkritika d-dewmien biex jiġu mfassla tali kontro-proposti. Sfortunatament il-burokrazija fis-servizz pubbliku, minkejja li qed tiġi mnaqqsa, fadlilha ħafna x'wieħed itejjeb fiha.

Sakemm qed nikteb dan l-artiklu (it-tieni ġimgħa ta'

Frar) għad m'għandniex il-kontro-proposti f'idejna, iżda kkomunikajna mal-awtoritajiet ikkonċernati u għandna indikazzjoni li d-dokument bil-kontro-proposti wasal biex jiġi ffinalizzat. Naf li hawn diversi spekulazzjonijiet fost il-membri tal-Korp dwar il-kundizzjonijiet il-ġodda. Min jgħid li mhu se ntejbu kważi xejn u min jgħid li se jkollna żidiet li qatt ma rajna bħalhom. Kull darba li niġi mistoqsi dwar x'naħseb dwar il-kundizzjonijiet il-ġodda dejjem inwieġeb li nista' nikkummenta biss wara li jkolli l-kontro-proposti f'idejja. Ngħidilhom ukoll li jekk jiġu milqugħa l-maġġoranza tat-talbiet li għamilna għandna nkunu sodisfatti bil-kundizzjonijiet il-ġodda.

Infakkar li qabel daħal id-dritt li nissieħbu fi trejd unjin tal-għażla tagħna, dawk li kienu 'jirrappreżentaw' lill-membri tal-Korp lanqas biss kienu jiġu kkalkulati meta kienu jinbidlu xi kundizzjonijiet. Li llum qed inkunu madwar il-mejda ta' negozjati huwa pass pożittiv ħafna, iżda m'għandhiex tkun konsolazzjoni għall-mod kif kienu jiġu ttrattati 'r-rappreżentanti' tal-Pulizija sa ftit taż-żmien ilu. Issa rridu naraw kemm minn dawk il-proposti li għamilna ser jiġu milqugħa.

Malli jkunu lesti l-kontro-proposti se nerġgħu npoġġu madwar il-mejda ma' dawk ikkonċernati, inkluż l-amministrazzjoni tal-Korp u flimkien irridu nsibu bilanċ bejn il-proposti taż-żewġ naħat. Għan-nom tal-POU-GWU nistgħu ngħidu ċar minn issa li żgur mhux ser naċċettaw proposti inferjuri minn dak li jgawdu l-kumplament tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku hekk kif ġara fis-snin 1993 u 2012. Ftehim settorjali qiegħed biex itejjeb fuq il-ftehim kollettiv abbażi tal-fatt li jkun hemm raġunijiet partikolari bħalma huwa x-xogħol tal-Pulizija. Konvint li jekk kull min se jkun madwar il-mejda jifhem u japprezza x-xogħol tal-Pulizija, kif ukoll ma jkunx hemm min għandu aġenda differenti ħlief li ntejbu l-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp, naslu biex nikkonkludu u niffirmaw ftehim settorjali li tant jixraq lil Pulizija.

Theo Vella
Segretarju Forzi Dixxiplinati,
Uffiċjali tas-Sigurtà u Infurzar tal-Liġi
General Workers' Union
tvella@gwu.org.mt

ADVERT

ADVERT

ADVERT



# L-ewwel Assistent Kummissarju mara fil-Korp tal-Pulizija

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Żgur li kull mara fil-Korp, anki jekk qatt ma ħadmet mal-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo, dakinhar tal-ħatra tagħha ħass sodisfazzjon għall-fatt li mara kienet waslet f'pożizzjoni daqstant għolja. Huwa għalhekk li ddedikajna dawn il-paġni proprju għaliha. B'kemm jista' jkun dettall ħa nippruvaw inkunu nafu xi ftit dwar l-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo, mhux biss fuq ix-xogħol, għalkemm dan tal-aħħar jokkupa l-maġġor parti ta' ħajjitha imma anki xi ftit kurżitajiet. Nista' ngħidilkom minn issa li mhux faċli ssir taf ħafna minn persuna riservata, imma dak li rrakkontat ħa naqsmu magħkom ukoll.

"Għadni niftakar meta kont żgħira, missieri kien joħodni miegħu l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq; naħseb dak iż-żmien, kien imur biex iċempel għall-għassa u kienu joqogħdu jrikkbuni fuq is-*side car* tal-mutur tal-Pulizija," hekk bdiet tirrakkonta l-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo u bil-permess ġentili tagħha matul dan l-artiklu ħa nirreferi għaliha b'isimha.



Alexandra Mamo magħrufa l-aktar bħala Sandra, bint Pulizija, imwielda nhar il-11 ta' Novembru 1968, tiftakar sew li fi tfulitha kellha preżenza ta' uniformi d-dar u dan għaliex in-nannu tagħha kien gwardjan ġewwa l-ħabs u missierha kien parti mill-Korp tal-Pulizija. Tliet snin ikbar minn ħuha, Alexandra bdiet tħajjarha l-karriera ta' missierha meta kellha madwar għaxar (10) snin. Wara l-iskola, fejn attendiet sat-tielet sena ġewwa l-Iskola Primarja taż-Żurrieq u wara kompliet ġewwa St Joseph, Raħal Ġdid u Blata l-Bajda, hekk kif spiċċat, hi għamlet l-eżami tal-Gvern u bdiet taħdem bħala *clerk* fil-Ministeru tat-Turiżmu ġewwa l-uffiċċju HCEB li kien jinsab ħdejn l-Isptar Boffa u kienet tieħu ħsieb liċenzji ta' *Hotels and Catering*. Dan ix-xogħol baqgħet fih għal madwar 6 snin. Kien proprju meta l-uffiċċju msemmi kien mexa ġewwa l-Belt, fejn darba fost l-oħrajn kienet xogħol u rat il-parata tal-Pulizija għaddejja minn Triq ir-Repubblika, meta dak il-ħin bejnha u bejn ruħha qalet li jekk joħorġu l-applikazzjonijiet kienet ser tapplika żgur. Fil-fatt wara ftit ta' żmien sabet l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u bla ma ħasbitha darbtejn u minkejja li l-papà tagħha ma kienx qabel magħha dak iż-żmien, xorta waħda webbset rasha u applikat.

Tajjeb li nsemmu li din kienet l-ewwel sejħa għall-grad ta' Spettur li setgħu japplikaw in-nisa. Bejn wieħed u ieħor bħala dħul u applikazzjonijiet kienu simili ta' dawn tal-lum, bl-unika differenza li kif ġew aċċettati l-applikazzjonijiet, sar l-eżami fiżiku mas-suldati, l-eżami mediku u dak kollu neċessarju bħal tul u rekwiżiti oħra, u ngħataw il-ġurament tal-Pulizija mill-ewwel. Dak iż-żmien l-Akkademja



kienet immexxija mill-Kurunell Kenneth Valencia flimkien ma' Dr Guido Saliba. Tiftakar li fl-ewwel ġurnata tagħhom kellhom laqgħa mal-Kurunell, fejn ġie spjegat lilhom fiex ħa jkun jikkonsisti l-kors u li kien ħa jsir taħriġ anki barra minn Malta u minn hemm marru għall-uniformi u bdew pass wara pass il-karriera tagħhom. Minkejja li s-sejħa kienet anki għan-nisa, xorta bħala numru ma kienx daqshekk kbir. Fil-fatt nisa kienu tlieta (3) biss. "Kont nitlaq mid-dar fil-ħamsa ta' filgħodu biex inkun għall-*fall-in* fis-sebgħa l-Akkademja. Kelli tnejn u għoxrin (22) sena dak iż-żmien, lanqas tkun taf x'laqtek!" L-iktar li kien idejjaqha kien meta kien ikollhom id-*drill* minħabba l-fatt li l-pass tagħha huwa kemxejn mgħaġġel u allura kienet tispiċċa dejjem titlef il-pass.

Wara sena ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija bħala kadett, il-karriera fil-Pulizija tal-Assistent Kummissarju bdiet ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq. Ġietni l-kurżità nsaqsiha dwar l-attitudni li wrew il-Pulizija li kienu stazzjonati hemm b'mod speċjali l-irġiel. Din kienet l-ewwel darba li kien ħa jkollhom uffiċjal għoli fil-Korp tas-sess femminili, però mill-ewwel weġbitni li ġiet milqugħa u aċċettata bla problemi ta' xejn. L-ewwel inkjesta tagħha ġewwa d-distrett kien proprju fuq persuna li nstabet mejta; raġel li kien miet kawża naturali, però kien fi stat avvanzat ta' dekompożizzjoni u x-xena li rat għadha sew immarkata fil-memorja tagħha. Wara sena ġewwa d-distrett ġiet stazzjonata ġewwa l-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi. Hemmhekk ukoll ġiet milqugħa tajjeb ħafna fejn fil-15-il sena li damet hemm, dan sar fil-fatt kif ngħidu l-*forte* tagħha. Tiftakar sew meta Surġent minn Għawdex, ċertu Johnny, kif daħlet fl-imsemmija skwadra, l-ewwel ħaġa li kien qalilha kienet, "*Welcome* jien Surġent Johnny, *Gozo made Malta look*". Tiftakar sew ukoll ċertu Surġent Joe Sultana fejn kien għallimha ħafna fejn jidħol xogħol ta' frodi.

Minkejja li kienet fi grad għoli qatt ma ddejqet mill-fatt li kif ngħidu aħna riedet miż-żgħir sabiex titgħallem u Alexandra għadha hekk sal-lum. Ħafna drabi waqt l-intervista rrimarkat il-fatt li hi tħobb tieħu l-opinjoni u l-ideat mingħand kulħadd, "Mill-iżgħar *rank* għandek ħafna x'titgħallem u jien inkun irrid nisma' l-ideat u d-diffikultajiet ta' kulħadd".

Il-fatt li x-xogħol tal-frodi kien xogħol sensittiv mhux ħażin u speċjalizzazzjoni ma kienx hemm, Alexandra attendiet diversi korsijiet u taħriġ kemm Malta u anki barra. Huwa b'dan it-taħriġ flimkien mal-esperjenzi tax-xogħol li setgħet timxi 'l quddiem, anki minħabba l-fatt li ħafna każijiet ta' frodi kienu ġodda għal pajjiżna.

Kien fis-sena 2003 meta grupp ta' Spetturi ngħataw promozzjoni għall-grad ta' Supretendent, fejn Alexandra Mamo kienet l-ewwel Supretendent mara fl-Istorja tal-Korp tal-Pulizija. Minbarra t-Taqsima ta' Kontra l-Frodi hija ngħatat ukoll ir-responsabilità u l-kmand tal-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji u t-Taqsima ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus. L-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji (Vice Squad) kienet minn dejjem għal qalbha aktar minn sezzjonijiet oħra, "Meta mbagħad doqt il-Vice, il-Vice aħjar, hemmhekk għandek operazzjoni fuq barra u tinżel wiċċ imb wiċċ mal-vittma". Fiż-żmien li għamlet inkarigata minn din is-sezzjoni, Alexandra kienet tinsa anki r-rank tagħha u tippartecipa anki waqt li l-Ispetturi kienu jkunu qed ikellmu lil vittmi, fosthom tfal. Kienet tinsa anki r-rank tagħha meta kienet tiġi biex tistaqsi u titgħallem minn persuni li hemmhekk kienu veterani fix-xogħol. Matul dan iż-żmien proprju fis-sena 2005 meta f'Malta kienu għaddejjin il-laqgħat taċ-CHOGM, Alexandra ngħatat l-inkarigu tas-sigurtà tan-nisa tal-Ministri li f'dawk il-ġranet kienu qegħdin f'pajjiżna.

Flimkien ma' grupp ta' pulizija nisa mexxiet programm ta' ġimgħa sħiħa ta' attivitajiet li kienu organizzati madwar Malta. Minkejja r-responsabilità kbira li jġorr miegħu dan it-tip ta' inkarigu, kien ta' unur għaliha li ngħatat il-fiduċja kemm mill-uffiċjali għolja fil-Korp, kif ukoll minn persuni distinti fil-pajjiż. Alexandra saħqet fuq il-fatt li bħala mara f'rank għoli qatt ma sabet xi diffikultà biex tiġi aċċettata speċjalment minn kollegi rġiel. Temmen ħafna li n-nisa huma kapaċi daqs l-irġiel u ħadd mill-kollegi maskili tagħha qatt ma ġelgħuha tħossha li hi inqas minnhom minħabba li hija mara. Tħoss ħafna sodisfazzjon meta uffiċjali tal-Korp li jkunu ħadmu magħha jitħajru jilħqu fi grad ogħla milli jkunu, speċjalment jekk ikunu nisa, "Fiżikament raġel jista' jkun aktar b'saħħtu minn mara, però l-mara akkademikament u anki fuq xogħol hija kapaċi daqs raġel".

Il-ħajja tagħha fil-Korp kompliet għaddejja sakemm imbagħad ħasset li kellha bżonn bidla u minn skwadra ġiet ittrasferita ġewwa d-Distrett ta' Raħal Ġdid. Onestament stennejt li ħa tgħidli mill-ewwel li kienet xi ftit inkwetata x'ħa ssib wara dak iż-żmien kollu fi skwadra, però mill-ewwel weġbitni, "Lanqas xejn, xammart il-kmiem u bdejt billi ppruvajt nibni relazzjoni tajba kemm man-nies ta' taħti u anki mal-komunità". Wara xhur ġewwa dan id-distrett irċeviet telefonata li ddeskriviet bħala l-qatgħa ta' ħajjitha meta minn hemm, ġiet ittrasferita fid-Distrett tal-Belt. Dan il-ħsieb malajr bidlitu tant li d-Distrett tal-Belt u l-Beltin daħlu f'qalbha u hemm ħa jibqgħu. "Il-Belt, il-Pulizija



tal-Belt u anki l-Beltin u l-komunità kollha huma t-tieni familja tiegħi u biċċa minn qalbi ħallejtha hemm." Il-Beltin ukoll mill-ewwel ħabbewha, tant li anki kienet tkun mistiedna fl-iskejjel kemm tal-Belt, kif ukoll tal-Furjana għal Jum il-Premjazzjoni tal-Istudenti u bħala ringrazzjament tal-istedina kienet tixtri kotba minn butha stess u ttihom bħala donazzjoni għal-librerija tal-iskola. Alexandra ħadet ħsieb li kull persuna mill-kbir saż-żgħir li kien jgħix fil-komunità li hija kienet inkarigata minnha, ikun jaf li l-Pulizija qiegħda hemm għal kull bżonn. Wara żmien ġewwa l-Belt fejn rat diversi attivitajiet u li tagħhom ġiet irrikonoxxuta għall-mod eċċellenti li ġew immexxija u li tajjeb li nsemmi li Alexandra l-ħin kollu tirrepeti li għal kull

attività jew xogħol li hija wettqet u li tiegħu ngħatat tifħir qatt m'għamlitu waħedha, "Miegħi dejjem kelli kuntistabblijiet, surġenti u spetturi u grazzi għalihom li x-xogħol kien isir b'mod eċċellenti". Imbagħad waslet dik li qabel kienet taħseb li kienet l-agħar telefonata, li fil-fatt ġabet magħha t-tmiem taż-żmien li mhu ser tinsa qatt. L-aħbar li kienet sejra tmexxi d-Distrett ta' Tas-Sliema. "Mhux ħa ngħid ħadt qatgħa għax Tas-Sliema, imma ħallejt il-Beltin warajja…u Tas-Sliema hija *surface area* ikbar. Il-Belt kont inħossni *cosy*, imdawra bis-swar. Kont ngħid minn Bieb il-Bombi 'l ġewwa tiegħi, inkluż il-Furjaniżi u qegħdin miġburin."

Tajjeb li nsemmu li sakemm damet inkarigata mid-Distrett tal-Belt, proprju dan id-Distrett rebaħ ix-*shield* bħala l-aktar distrett li naqqas ir-rata ta' kriminalità. "Dejjem emmint fit-*team work*. Kulħadd irid jagħti l-kontribut mhux l-uffiċjali biss, kull rank huwa importanti u għandu x'joffri."

"Qatt ma ddejjaqt minn xejn, kont noħroġ *all out*, anki spalla ma' spalla maż-żgħir u rrid inkun kemm jista' jkun fit-triq maż-żgħir u jekk hemm biċċa xogħol ħa ssibni hemm u nitlaq l-aħħar waħda, dejjem l-aħħar irrid nitlaq – dik qiegħda fija."

Kemm ilha ġewwa d-Distrett ta' Tas-Sliema, Alexandra tipprova kemm tista' tagħmel mezz li l-Pulizija toffri l-aħjar servizz lejn iċ-ċittadin. Kienet parti importanti fil-proġett pilota tat-*Tourism Police*, kif ukoll tħoss sodisfazzjon f'każijiet partikolari, fosthom iċ-ċirku kbir ta' serq li kien qed isir minn barranin u li ġie solvut. Bħalma kienet dejjem u fi kwalunkwe post li kienet stazzjonata fih dejjem tkun trid tkun infurmata b'kulma jkun għaddej u toffri dejjem l-għajnuna tagħha. Dan id-distrett hija tiddeskrivih bħala wieħed mhux faċli, però Alexandra tħoss li għandha sfida quddiemha, "Il-Kummissarju tagħni r-riedni għal dan id-distrett u iva hija sfida, *feet on the ground*, diffiċli, għax għadha diffiċli sal-lum u għadni ma nistax naċċetta l-firda mill-Beltin u l-Furjaniżi, imma issa dan hu d-distrett tiegħi u din hi l-komunità tiegħi". Illum il-ġurnata bħala Assistent Kummissarju, mad-Distrett ta' Tas-Sliema żdied ukoll dak ta' San Ġiljan. Minkejja l-kariga għolja li għandha, Alexandra xorta waħda tixtieq li għandha iktar ċans sabiex toħroġ fuq xogħol barra mill-uffiċċju. "Jiena miniex *office worker*, jiġifieri jien m'għandix ċans noħroġ barra *patrol*, però hija x-xewqa tiegħi u għamilt sfida miegħi li malli nlesti ċertu *paper work* ninżel fit-triq ukoll." Alexandra temmen ħafna fil-preżenza tal-Pulizija fit-triq, "*to be seen and felt*". Hija saħqet li l-Pulizija minn ġewwa l-għassa mhux ħa tirbaħ il-fiduċja tan-nies. Id-dedikazzjoni li Alexandra turi lejn ix-xogħol iħalli anki l-frott tiegħu u fil-fatt id-Distrett ta' San Ġiljan rebaħ darbtejn wara xulxin ix-*shield* bħala d-distrett li naqqas ir-rata tal-kriminalità. "Għandhom distrett iebes il-Pulizija hemmhekk u ħadmu ħafna u għamlu *extra effort* biex żammew ix-*shield*."

Alexandra tħoss li bħala mara ma kinitx triq daqstant faċli li tasal fejn waslet. "Qabel, fl-istituzzjoni tagħna, il-mara ma kinitx *equal*, illum għandek l-*equality*… jemmnu f'mara, imma meta mara tkun *in higher position* jeħlu". Mistoqsija jekk qatt kien hemm mumenti fejn ħasset li persuni jew anki istituzzjonijiet fejn hi kienet qed tirrappreżenta l-Korp, trattaha b'mod differenti għax hija mara, mill-ewwel wieġbet fin-negattiv. Waħda mill-fatturi li għamlet daqsxejn triq diffiċli għall-mara biex tavvanza fil-Korp kien it-tul ta' żmien, "*It took years*, għaliex l-avvanz tal-mara, issa llum huwa differenti, imma qabel fejn tidħol mara kienu jippreferu raġel dak iż-żmien, allura mara biex tilħaq *it took years*". Alexandra, fil-fatt ma tistax tifhem ir-raġuni li għad hawn skwadri fil-Korp li m'għandhomx nisa, "Għaliex?…Mela inti m'għandekx bżonn mara biex

tagħmel tfittxija?…U ma joqogħdux jgħidu għax mara tisfratta raġel, għax *it takes two to tango*, din minnek trid tiġi u b'responsabilità ngħidha... Din fażulla!" Alexandra żiedet li mara kapaċi daqs raġel, anki fi rwol ta' investigatur u huwa għalhekk li tinkoraġġixxi ħafna lin-nisa fil-Korp sabiex ma jaqtgħux qalbhom għax jekk jemmnu f'dak li jridu, ħa jaslu.

Meta tħares lejn il-karriera tagħha, Alexandra tgħid li dejjem imxiet ġurnata b'ġurnata u li qatt ma ddispjaċieha li għamlet dan il-pass, "Kieku kelli nerġa' nitwieled, pulizija nerġa' nidħol". U dan tgħidu minkejja li tħoss li l-Korp affettwalha anki l-ħajja personali tagħha, "Inti trid iġġorr ir-responsabilità". Il-fatt li daħlet fil-Korp f'rank ta' Spettur, Alexandra dejjem ġarret ukoll ir-responsabilità tan-nies tagħha, "Inti għandek ukoll ir-responsabilità tan-nies ta' taħtek. Għandek il-*welfare* tan-nies għax jien jekk iweġġagħli Pulizija qisni weġġajt jien jew membru tal-familja tiegħi".




Minkejja li kellha tiċċaħħad ħafna mill-familja u anki mill-ħbieb minħabba x-xogħol, Alexandra tħobb tiddeverti wkoll. Meta jkollha ċ-ċans tħobb tiġri 'l barra. Hija tqis ruħha bħala persuna li ma tantx tħobb il-ħbieb, "Il-ħbieb kbar ta' vera huma ftit għax importanti wara kollox il-ħbieb... ma nafdax anki minħabba t-tip tax-xogħol tagħna, dejjem tara negattività, mingħajr ma trid".

Fost diversi passatempi nsibu x-*shopping*! Kulma tara trid tixtri, tkun fejn tkun. Biżżejjed ngħidilkom li waqt btala li kont mort mal-ħbieb u li magħna kienet ġiet ukoll Alexandra, sa anke linfa xtrat u ssaqsunix kif, imma rnexxielha tippakkjaha ġol-bagalja! Tħobb tixtri minn kollox, però xiri ta' ħwejjeġ, *handbags*, żraben u fwieħa ħadd ma jirbħilha. Issegwi ħafna l-Familja Rjali tal-Ingilterra, fosthom fejn jidħol l-ilbies. Tħobb il-ħjata iżda llum il-ġurnata m'għandhiex ħin għaliha, però kienet tirrilassaha ħafna u tieħu gost meta tisma' lil xi ħadd jgħid li għadu jħit. Mingħand in-nanna tagħha wirtet in-namra tal-qsari, filwaqt li tħobb ukoll id-dar, "Id-dar inħobbha u nkun irridha pupilla, però mhux dejjem possibbli". Ilum il-ġurnata fil-ħin liberu, iktar issibha ġo xi ħanut iddur jew tieħu kafè ma' xi ħbieb.

Minkejja li Alexandra diġà ggradwat b'*Diploma in Management*, tliet snin ilu ħadet id-deċiżjoni li



terġa' tibda l-istudji tagħha fl-Università ta' Malta, fejn bdiet il-Kors tal-Liġi. Din is-sena ggradwat bħala Prokuratur Legali, però xorta waħda ħa tibqa' għaddejja bl-istudji sakemm tiggradwa bħala avukat. Mingħajr ma ridt ġieli nistaqsi kif tlaħħaq bejn kors daqshekk impenjattiv u x-xogħol fi grad għoli bħalma hi l-pożizzjoni tagħha u hawnhekk Alexandra stqarret li s-sigriet huwa li tippjana u tqassam. Minkejja li l-istudju jokkupalha ħafna mill-ħin u jinkwetaha mhux ftit, Alexandra tgħid li fil-fatt wieħed mid-dispjaċiri tagħha huwa li bdiet tistudja tard.

Bejn xogħol u studju Alexandra tipprova kemm jista' jkun iġġebbed l-arloġġ sabiex tgawdi l-familja, "Il-familja hija importanti u allaħares ma kellix is-support tal-familja għax kieku ma kontx nagħmilha". Alexandra tirrakkonta fejn anki b'mod partikolari l-mamà tagħha, hija ta' ħafna għajnuna speċjalment fid-dar għax minkejja li tippjana kollox, xorta waħda ma tlaħħaqx. Temmen ħafna li l-familja m'għandekx tittraskuraha u fil-fatt Alexandra tħobb meta tlaqqa' l-familja d-dar u tipprepara xi ikla kif taf tagħmel hi, għax tajjeb li nsemmi li Alexandra tinqala' mhux ħażin biex issajjar. Il-kċina, l-ikel u xi tazza nbid tajba jaqblu ħafna mal-karattru tagħha. Hija konxja li kien hemm mumenti fejn kellha tittraskura naqra l-familja, "Kien hemm mumenti u għad ikun hemm...pereżempju meta jiltaqgħu d-dar u jiena nkun xogħol. M'hemmx x'tagħmel, inċempel! Telefonata hija differenti milli tmur u tkun hemmhekk magħhom".

Alexandra hija wkoll iz-zija ta' Dean li llum għandu tmien (8) snin. "Dak il-*king* tiegħi." Minn meta twieled daqshekk ilha tfissdu! "Kont barra minn Malta meta ċempel ħija u qalli twieled in-neputi u l-ewwel ħaġa li għedtlu…"Mela llejla *shopping* għażżgħir". Daqskemm tħobbu, l-istess tinkwieta għalih. Dejjem taħseb u thewden li jiltaqa' ma' kumpanija ħażina jew li jiġrilu xi ħaġa. Fl-aħħar mill-aħħar naħseb kull Pulizija bl-istess ħsieb, għax in-natura tax-xogħol tagħna tlaqqgħek ma' sitwazzjonijiet mhux daqstant pjaċevoli. "*Watch dog* sew fuqu, imma jekk nista' nagħtih id-dinja nagħtihielu."



Apparti n-neputi, persuna marbuta ma' qalb Alexandra hija n-nanna Karmena, "In-nanna… in-nanna n-*number 1 supporter* tiegħi u avolja m'għadhiex miegħi, xi kultant inħossha tkellimni u tgħidli, "Ibqa' soda f'dak li temmen inti". Jiena għalija dik il-pilastru tiegħi". Waqt li qaltli dan il-kliem stajt nara f'għajnejha li n-nanna tagħha kienet importanti ħafna



għaliha u bla ebda dubju li kienet tkun kburija mhux ftit b'dak li rnexxielha tilħaq fil-karriera tagħha. Alexandra kienet toqgħod man-nanna tagħha u tirrakkonta kif in-nanna kienet tkun trid li tagħmillha l-kafè hi kull filgħodu sabiex taraha sejra x-xogħol u

anki tistennieha meta kienet tidħol. "Kienet torqod miskina, imma kienet tħossni li nkun dħalt u tqum". In-nanna qatt ma ġġudikat id-deċiżjoni li ħadet Alexandra meta daħlet fil-Korp, però żgur kienet tinkwieta fis-skiet, "Minkejja li kienet anzjana u mara reliġjuża ħafna, kienet mara moderna fl-istess ħin. Qatt ma ġġudikatni lanqas fil-ħajja personali, ovvjament kienet tagħtini pariri t'anzjana li hi u ta' mara tad-dar, għax hekk kienet". Alexandra m'għandhiex indiema għax lin-nanna gawdietha, u kienu joħorġu ħafna flimkien. Kienu jħobbu jerħulha lejn il-Belt u wara li jisimgħu quddies dritt għal għand Cordina. "Għadni sal-lum meta nidħol għand Cordina nara l-mejda fejn kienet tħobb toqgħod hi." Id-destin ried li n-nanna timrad u l-firda kienet kiefra sew għal Alexandra, "L-aħħar kliem li qaltli kien, 'Ħu ħsieb'".

Iż-Żurrieq huwa r-raħal fejn Alexandra trabbiet però, minn kif mietet in-nanna ma riditx tibqa' tgħix hemm, "Minn mindu mietet in-nanna ma ridtx naf, anki mmur id-dar kont nidħol fil-kamra tagħha u nagħmel xi għoxrin minuta hemm". Kien proprju għalhekk li meta tfaċċat opportunità hija xtrat appartament ġewwa Wied il-Għajn. M'hemm l-ebda rabta partikolari, lanqas il-fatt li għax viċin il-baħar, però meta jkollha ċans u iktar u iktar aptit, mixja mal-baħar ma ddejjaqhiex.

Ma xtaqtx nagħlaq u ma nsemmix li Alexandra għandha t-titlu mhux biss tal-ewwel Supretendent mara u tal-ewwel Assistent Kummissarju mara, imma kienet ukoll l-ewwel uffiċjal mara bħala *Parade Commander* li mexxiet il-Parata tal-Pulizija. "Qatgħa kbira, issa jien l-għaxqa tiegħi meta nara l-Banda u l-Parata tal-Pulizija, għax nara l-kwalità għolja li għandna fil-Korp…però għadni niftakar meta waqt laqgħa, ma' dak iż-żmien il-Kummissarju John Rizzo, xi ħadd saqsa min kien ħa jkun *Parade Commander* u s-Sur Rizzo kien wieġeb, 'Ħadd ħlief hi'. Dak il-ħin ma tajtx kas, imma mbagħad meta indunajt li qed jgħid għalija, minn dak il-ħin beda l-eċitament u ksaħt ta' veru". Bħal f'kull ħaġa oħra Alexandra poġġiet l-impenn tagħha u bl-għajnuna ta' surġent kienet tinżel l-Akkademja kuljum, fejn tgħallmet dak kollu li qatt ma basret li kien ħa jirnexxilha tagħmel. Is-sapport li sabet mingħand sħabha u anki minn tal-familja għenha sabiex anki l-Parata mexxietha perfettament mingħajr intoppi. F'kull ħaġa li Alexandra tagħmel, b'mod speċjali fil-kariga tagħha fil-Korp, apparti s-sodisfazzjon tagħha personali, dejjem tipprova twassal il-messaġġ li aħna n-nisa kapaċi. Fil-fatt anki meta fuq programm televiżiv bl-isem ta' 'Bijografiji', fost diversi uffiċjali għolja u persuni importanti fil-pajjiż, li bdew jirrakkontaw l-Istorja twila tal-Korp tal-Pulizija, Alexandra kienet proprju dik il-persuna li tkellmet u rrappreżentat l-irwol tal-mara fil-Korp, b'mod partikolari f'*ranks* għoljin.

Hemm it-tendenza li meta persuna tkun f'rank għoli, forsi wieħed jaħseb li bħala karattru jkun riservat ħafna u forsi ma tantx tarah jidħak u li teżisti biss dixxiplina għalih. Fil-fatt Alexandra, fejn tidħol dixxiplina hija retta però għal daħka mhux ħa tgħid le, "Ħafna nies jaħsbuni supperva, miniex supperva, anzi, inħobb nidħak u ninżel għal-livell ta' kulħadd u anki jekk hemm ċajta bħal ngħidu aħna *boys talk*, mhux ħa nieħu skandlu jew ħa nitkaża". Meta toħroġ Alexandra tfittex postijiet għall-kwiet, "Infittex il-kwiet għax storbju bi storbju, nibqa' x-xogħol u nkun kalma sakemm idoqq il-mowbajl". Hija tipprova kemm jista' jkun li meta tkun mal-familja u l-ħbieb tagħti l-importanza lilhom u tinsa xi ftit ix-xogħol però li, "Ninsa kompletament impossibbli, għax dik hija n-natura tiegħi". Meta tkun fil-preżenza tagħha ġġiegħlek tħossok komda u anki d-distakk tar-rank, tipprova ma tagħmlux skomdu għall-persuni l-oħra. Tisma' ħafna lil dak li jkun u jekk hemm l-opportunità ħa tgħin, anki jekk ikun jirrikjedi l-ħin minn tagħha personali. "Inħobb ħafna ngħin, ħa nbati jien, imma dik li ngħin għalija hija neċessità li nħoss." Hi tiddeskrivi lilha nnifisha bħala persuna li ma

tħobbx tgawdi waħedha, "Jien persuna li milli jkolli nqassam u ħaddieħor jieħu miegħi".
L-ikbar sodisfazzjon li offrielha x-xogħol fi ħdan il-Korp, huwa fil-fatt l-opportunità li tgħin ħafna nies, anki lil min ma tafx, "Għadek ma tafx il-kuntentizza, il-ferħ li tħoss ġo fik, meta inti qed tagħti kontribut lejn il-komunità mingħajr ma tistenna xejn lura". Hija tħoss li x-xogħol trid tagħmlu dejjem skont id-doveri u l-obbligazzjonijiet u skont il-ġurament u l-liġijiet tal-pajjiż, però trid tagħmlu bi mħabba. Mill-banda l-oħra tweġġagħha ħafna l-kritika inġusta fuqha, mill-membri tal-Korp u dan għax iżżomm id-dixxiplina u tkun serja f'xogħolha, "Jien aħjar jgħidu kemm jien serja u ta' dixxiplina, milli jgħidu kemm tħawwad u mhux tal-affari tagħha".

Bejna u bejn ruħha Alexandra taħseb f'dik il-ġurnata li ħa jkollha tirtira mill-Korp. "Xi darba trid tasal, naħseb issa għamilt karriera *ormai* twila u xi darba għad irrid insellimlu lill-Korp…ħa tkun diffiċli biex inżarma!" Ix-xewqa tagħha hija li tara Korp iktar sensittiv, u minbarra hekk tixtieq tara iktar nisa jagħtu s-sehem tagħhom fil-Korp, "Għala le, jilħqu fejn ilħaqt jien…ma kinitx faċli, triq li ma kienet faċli xejn, dejjem għat-telgħa, imma bħalma dejjem ngħid, *you believe in yourself*, dedikazzjoni u impenn".

Illum il-ġurnata, wara 28 sena ta' servizz fil-Korp, Alexandra tgħid li t-twemmin fil-valuri u l-prinċipju huma dawk il-fatturi li wasslu għal din il-karriera ta' suċċess li kellha fil-Korp tal-Pulizija, it-twemmin fil-ġurament li ħadet, id-determinazzjoni, l-impenn u s-sagrifiċċju, "U dak li qed nagħmel, nagħmlu bi mħabba u mhux għall-but għax kieku għall-but... *it wouldn't have been a successful career*".




















**“Qatt ma ddejjaqt minn xejn, kont noħroġ *all out*, anki spalla ma’ spalla maż-żgħir u rrid inkun kemm jista’ jkun fit-triq maż-żgħir u jekk hemm biċċa xogħol ħa ssibni hemm u nitlaq l-aħħar waħda, dejjem l-aħħar irrid nitlaq – dik qiegħda fija.”**

**Alexandra Mamo**

ADVERT

# Il-*Counselling* u s-Servizz tal-*Employee Support Programme*

*Employee Support Programme Unit*

## X'INHU L-*COUNSELLING* U KIF JISTA' JGĦIN?

Il-*counselling* huwa mod kif wieħed jitgħallem iktar dwaru nnifsu, li huwa fundamentali biex wieħed ikollu relazzjoni aħjar miegħu nnifsu u ma ta' madwaru. Mingħajr l-għarfien dwarna nfusna, inkunu f'riskju li nħallu 'l-biżgħat li ma nkunux konxji tagħhom imexxuna jew jegħlbuna. Billi nkunu konxji tagħna nfusna mhux eskluż li nħossu dwejjaq, telf, ħtija jew rabja. Madankollu, billi nipproċessaw il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna nistgħu nitgħallmu nindirizzawhom aħjar. Huwa waqt dawn il-mumenti vulnerabbli li għandna bżonn inkunu ħbieb sewwa magħna nfusna għaliex kultant, tabilħaqq nistgħu nkunu l-ikbar għadu tagħna nfusna. U jekk inkunu għedewwa tagħna nfusna, jiġu affettwati r-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn.

## *EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME*

L–*Employee Support Programme* (ESP) jipprovdi servizz ta' sapport għall-impjegati pubbliċi li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fil-ħajja personali jew fuq ix-xogħol. Permezz ta' dan isservizz, jiġu assigurati b'mod aħjar is-saħħa, il-produttività u l-kontribut fuq il-post tax-xogħol tal-impjegat. Is-servizz huwa maħsub biex jindirizza firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet, bħal stress relatat max-xogħol, nuqqas ta' saħħa mentali, problemi fil-familja, mard u vizzji fost l-oħrajn. Is-sapport professjonali jingħata minn professjonisti bħal *social workers*, *counsellors* u psikologi, li jaħdmu fl-ESP Unit. Peress li l-*unit* huwa attrezzat bi professjonisti varji, jista' jingħata servizz kunfidenzjali b'mod ħolistiku skont il-bżonnijiet tal-klijent. Il-klijenti li jaċċessaw l-ESP Unit għas-sapport mhumiex biss impjegati individwali li jfittxu l-*counselling* għalihom infushom iżda jinkludu wkoll il-maniġment fid-dipartimenti u l-entitajiet.

Is-*social workers* tal-ESP ma jittrattawx biss problemi ta' natura ġenerika li jistgħu jaffettwaw lill-klijent eliġibbli għas-servizz provdut minnhom, iżda jservu ta' intermedjarju għal bosta dipartimenti fl-Amministrazzjoni Pubblika biex jagħtu appoġġ lill-impjegati pubbliċi li jkollhom bżonn iktar assistenza prattika u sapport. Jingħata wkoll taħriġ fi gruppi biex jiżdied l-għarfien dwar dawn id-diffikulatjiet u dwar is-servizz.

Il-*unit* jipprovdi wkoll is-servizzi meħtieġa sabiex jgħin lill-impjegati jidħlu lura għax-xogħol gradwalment wara li jkunu ilhom neqsin mix-xogħol għal perjodu twil minħabba mard. Kemm is-sapport tas-*social workers* kif ukoll tal-psikologu huwa importanti sabiex jgħin lill-impjegat jirritorna għax-xogħol filwaqt li jingħata sapport lill-kollegi tiegħu/tagħha waqt din it-tranżizzjoni.

Dan is-servizz jista' jservi ta' benefiċċju u għajnuna għall-impjegati li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli. Impjegat jista' jagħmel appuntament billi jċempel direttament il-*Unit* fuq 2200 1210 jew jibgħat *e-mail* fuq esp.opm@gov.mt. Is-servizz huwa kunfidenzjali u l-impjegati m'għandhomx bżonn permess mingħand is-superjur tagħhom biex jużaw is-servizz wara l-ħin tax-xogħol. Dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas lill-impjegati pubbliċi kollha.

ADVERT

ADVERT

Emily Aquilina
6 snin



Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

ADVERT

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

## AVVENIMENTI u INFORMAZZJONI

### POLRUN III Edition 2017

Il-jum tal-għada tal-Milied saret parti mill-kalendarju tal-Kumitat Sportiv tal-Pulizija fejn fil-ġurnata tiġi organizzata l-POLRUN li hija miftuħa għal kulħadd. Minn sena għal sena, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku dejjem tiżdied u tħeġġeġ iżjed l-motivazzjoni tal-Kumitat Sportiv.

Mill-attività tal-POLRUN inġabret somma rekord li ġiet mgħoddija lill-*Community Chest Fund.*

It-tiġrija ntrebħet minn Andrew Grech li għamel ħin ta' 15' 37''. Ingħataw premjijiet oħra lil diversi atleti f'kategoriji differenti. Il-preżentazzjoni tal-premjijiet ingħatat mill-Eċċellenza tagħha, il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca fejn għamlet kelmtejn lil parteċipanti u rringrazzjathom tal-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attività u s-somma rekord miġbura kif ukoll faħħret ħafna din l-inizjattiva. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar li apparti li kien preżenti wkoll għal din l-attività, ta l-għajnuna tiegħu biex din it-tiġrija reġgħet kienet ta' suċċess.





### Attivitajiet organizzati mill-*Malta Employee Sports Association* (MESA)

**5K RUN ġewwa l-Imtarfa**

Il-*Malta Employees Sports Association* (MESA) organizzat it-tieni tiġrija ta' 5 kilometri għal dan l-istaġun, nhar l-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2018 fuq il-korsa tal-Imtarfa By-Pass. It-tiġrija li bdiet fit-tlieta ta' waranofsinhar (1500hrs), kienet it-tieni waħda minn serje ta' tliet (3) tiġrijiet li l-MESA qed torganizza bejn Ottubru 2017 u Mejju 2018. Għal dawn it-tiġrijiet li l-ewwel waħda kienet f'Novembru 2017, se jingħataw premjijiet lir-rebbieħa fuq *aggregate* tar-riżultati miksuba fit-tiġrijiet kollha u, se jingħataw premjijiet mhux biss għall-aqwa tlieta (3) *overall* maskili u femminili, imma anke skont l-*age categories* bħalma ngħataw fil-passat. Apparti dan, kull min jikklassifika fl-ewwel tliet (3) postijiet f'kull tiġrija kemm *overall* kif ukoll skont l-*age categories* huwa ggarantit li jiġi ppremjat, irrispettivament minn kif imur fl-*overall.*

Għal din l-attività, il-konkorrenza hija waħda aktar inkoraġġanti kif dejjem kienet. Il-membri tal-Korp li ħadu sehem f'din l-attività kellhom riżultati sodisfaċenti fosthom PC376 Andrew Grech, PC627 Daniel Gauci, PC37 David Bezzina, PC751 Christian Mercieca, PC198 Aleandro Camilleri, PC142 Joseph Camilleri u PC1600 Gilbert Gatt.

**TURNEW INDIVIDWALI TAD-*DARTS* ġewwa l-JUVENTUTIS DOMUS, ŻEJTUN**

Il-*Malta Employees Sports Association* (MESA) għal darb'oħra organizzat Turnew Individwali tad-*Darts* nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2018 ġewwa l-Juventutis Domus, Żejtun. Għal dan it-turnew ipparteċipa membru wieħed biss mill-Korp tal-Pulizija ċioè PC1561 Ian Farrugia li qiegħed stazzjonat fis-Sezzjoni tal- *Weapons*. It-turnew kien jikkonsisti f'żewġ fażijiet fejn fl-ewwel fażi l-*players* inqasmu fi gruppi u lagħbu kontra xulxin fuq bażi *round-robin*, biex l-aħjar żewġ *players* minn kull grupp għaddew għat-tieni fażi li tintlagħab fuq bażi ta' *knock-out*. Għalkemm PC1561 Ian Farrugia ma kkwalifikax, xorta l-parteċipazzjoni tiegħu kienet waħda ta' esperjenza.

Il-konkorrenza min-naħa tal-membri tal-Korp kienet waħda fqira stante li kien hemm messaġġ trażmess lil kull membru tal-Korp. Meta wieħed jaf li għandna ħafna membri li jilagħbu u/jew jipprattikaw din id-dixxiplina sportiva, wieħed ma jifhimx ir-raġuni ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni saħansitra meta l-Kumitat Sportiv iħallas il-miżata ta' parteċipazzjoni.

## Attivitajiet Sportivi Oħra

–

**AFM Fun Run**

Nhar l-20 ta' Frar 2018, l-AFM stiednet lil diversi dipartimenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali sabiex jipparteċipaw f'5K FUN RUN mil-Luqa Barracks, Luqa sal-entratura tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana. Għal din l-attività kien hemm konkorrenza tajba mill-membri tal-Korp. Mal-wasla tal-parteċipanti fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija, l-Onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dr Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija laqgħu lil dawk kollha li pparteċipaw.

***Other Ranks Games Room***

Il-Kumitat jixtieq jinforma lill-membri tal-Korp li dalwaqt ser terġa' tkun miftuħa l-*Other Ranks Games Room* u dan wara l-ħidma li saret fix-xhur li għaddew. Mix-xogħlijiet kollha li saru wieħed jista' jgħid li baqa' ftit x'jitlesta. Ħafna mix-xogħol jiddependi minn terzi fosthom is-Sezzjoni tal-Mastrudaxxi li minħabba impenji oħra ta' xogħol f'setturi oħra tal-Korp li huma aktar urġenti kellhom jissospendu x-xogħlijiet f'din il-*games room*. Dawn ix-xogħlijiet saru dejjem bl-approvazzjoni finanzjarja min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kumitat Sportiv jirringrazzja tnejn mill-membri tiegħu ċioè lis-SM547 Martin Agius u PC52 Emmanuel Agius li fil-ħin liberu tagħhom qed jagħtu s-servizzi tagħhom biex jagħmlu ċertu xogħlijiet importanti fis-sala msemmija.

## Kummenti Ġenerali

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar tal-appoġġ kontinwu tiegħu fil-qasam sportiv fi ħdan il-Korp. Bl-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kumitat Sportiv qiegħed jaħdem kontinwament biex jerġa' jqajjem diversi dixxiplini sportivi fil-Korp u ta' dan aħna grati.

ADVERT

ADVERT

## *Commissioner's Cup II Edition*

Bħas-sena l-oħra, reġgħet ġiet organizzata l-logħba futbol bejn il-*Gazetted Officers* u l-*Other Ranks*. Din il-logħba saret nhar it-30 ta' Diċembru 2017 fil-Victor Tedesco Stadium u ntrebħet mill-*Other Ranks* bl-iskor ta' 7-2. Il-logħba kienet waħda bbilanċjata għal xi ħin imma s-supremazija u d-determinazzjoni min-naħa tat-Tim tal-*Other Ranks* u meta tħares lejn ir-riżultat finali, wieħed m'għandux wisq xi jgħid.

Għal din il-logħba attenda l-Kummissarju tal-Pulizija fejn fit-tmiem tal-logħba qassam it-trofew lill-Kaptan tat-tim tal-*Other Ranks.* Il-Kumitat Sportiv kien sodisfatt bil-parteċipazzjoni mill-membri tal-Korp għal din l-logħba imma hemm aktar spazju fejn aktar membri jieħdu sehem speċjalment min-naħa tal-*Gazetted Officers*, forsi jaslu li jibnu tim li jirbaħ lill-*Other Ranks*. Min jaf hux!



## It-Turnament tal-Futbol Intern

F'Ottubru/Novembru 2017 ġie organizzat it-turnament tal-futbol intern. F'dan it-turnament ipparteċipaw sitta u għoxrin (26) tim minn diversi branki u distretti fejn it-timijiet kollha nqasmu fi gruppi. It-timijiet kollha f'kull grupp lagħbu tliet (3) logħbiet fejn l-aqwa tnejn minn kull grupp kif ukoll l-aqwa żewġ timijiet li ġew fit-tielet post għaddew għar-*round* ta' wara li kien fuq bażi ta' *knockout.*

It-Turnament intrebaħ mil-RIU fejn fil-finali għelbu lill-SIU bl-iskor ta' 3-2. Il-partita kienet waħda kkumbattuta u missielta mhux ħażin imma d-determinazzjoni tat-tim tar-RIU wasslet sabiex rebħu t-turnament tas-sena 2017.

Fil-logħba għat-tielet post, bejn it-3 Distrett u s-Sezzjoni tal-Kavallerija/ALE spiċċat b'rebħa ta' 3-0 favur it-Tim tat-Tielet Distrett peress li t-tim tal-Kavallerija/ALE spiċċaw taw *walkover.*

Il-klassifika ta' *Top Scorer* kienet missielta ħafna, u ntrebħet minn PS817 G. D'Amato mis-sezzjoni tal-SIU b'erbatax (14)-il gowl.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil *Pietà Football Club* talli jippermettu li dan it-turnament isir fil-grawnd tagħhom. Ringrazzjament imur ukoll għall-persuni li għenu biex dan it-turnament iseħħ fosthom id-delegati ta' kull branka/distrett kif ukoll ir-*referees*. Ringrazzjament speċjali jmur lis-SM547 Martin Agius, PS1480 Sandro Mallia, PS794 Gilbert Lia u PC52 Emanuel Agius li minkejja impenji oħra personali, għamlu minn kollox biex dan it-turnament jiġi organizzat. Nirringrazzjawhom tal-ħidma tagħhom. Prosit!

Il-Kumitat qiegħed jilqa' wkoll suġġerimenti biex ikompli jtejjeb l-organizzazzjoni ta' dan it-turnament. Dawn is-suġġerimenti bil-miktub jistgħu jintbagħtu lill-Ispettur Omar Zammit (omar.zammit@gov.mt), PS1480 Sandro Mallia (sandro-carlo.mallia@gov.mt), PS121 Josef Vassallo (Pudina@gmail.com) jew PS794 Gilbert Lia (gilbert.lia@gov.mt).

mpsc.police@gov.mt

ADVERT

# Kors tat-Tieni Livell għall-Uffiċjali *SIRENE* 2017 f'Malta

Mill-Ispettur Mario Cuschieri – *SIRENE*

Kull sena s-*CEPOL* (il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija) jiffinanzja sensiela ta' korsijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Pulizija. Parti minn dawn il-korsijiet jirrigwardaw il-kooperazzjoni bejn uffiċċji *SIRENE* u jinkludu taħriġ bażiku (l-ewwel livell) għal Uffiċjali *SIRENE* ġodda, taħriġ aktar avvanzat (it-tieni livell), taħriġ għat-trejners u taħriġ għall-evalwaturi ta' *Schengen* dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' *Schengen*. Il-Korsijiet tal-ewwel livell u tat-tieni livell jiġu offruti bħala pakkett u għalhekk Pajjiż Membru li jkun jixtieq jorganizza kors wieħed minnhom biss ikollu jifforma konsorzju ma' Pajjiż Membru ieħor biex japplika.

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u l-Pulizija tal-Istat tal-Latvja ffurmaw konsorzju u applikaw mas-*CEPOL* biex jorganizzaw dan it-taħriġ. Minn hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Unità *CEPOL* u lid-Dipartiment għall-kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija tal-Istat tal-Latvja għas-sapport u l-kooperazzjoni tagħhom fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kors tat-tieni livell li sar f'Malta. Nieħu wkoll l-opportunità biex nirringrazzja lill-uffiċċjali tal-Pulizija ta' Malta li assistewni fil-preparazzjoni u l-implementazzjoni ta' dan il-kors.

Dan il-kors li attendew għalih ħamsa u tletin parteċipant mill-pajjiżi ta' *Schengen*, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija *eu-LISA*, ġie organizzat fil-Cavalieri Art Hotel ġewwa San Ġiljan bejn it-tlettax u s-sbatax ta' Novembru 2017. Bħala suġġett kellu l-użu tal-bijometrija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' *Schengen* u l-iskambju tagħha bħala informazzjoni supplimentari biex tiġi kkonfermata l-identità ta' persuni mfittxija jew nieqsa kif ukoll l-użu tal-bijometrija għat-tiftix proprju ta' dawn il-kategoriji ta' persuni permezz tal-istess sistema. Il-kors kien jikkonsisti minn sensiela ta' preżentazzjonjiet minn esperti mill-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija *eu-LISA*, il-Latvja, in-Netherlands u l-Awstrija kif ukoll minn uħud mill-parteċipanti (Kummissjoni Ewropea u l-Ġermanja) dwar l-użu tal-marki tas-swaba, immaġni tal-uċuħ segwiti minn gruppi ta' ħidma u preżentazzjoni ta' sejbiet u rakkomandazzjonjiet. Kien hemm ukoll preżentazzjoni dwar proġetti tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam fosthom l-użu tad-DNA f'allerti dwar persuni nieqsa.

Matul il-kors, il-parteċipanti kellhom żjara ta' studju fil-Kwartieri tal-Pulizija fil-Furjana. Hemmhekk żaru l-Uffiċju Nazzjonali tas-Sistema ta' *Schengen* fejn ġew ippreżentati x-xogħol ta' kuljum importantissimu li jitwettaq mill-Uffiċjali f'dan l-uffiċċju biex jiggarantixxu l-kontinwità tad-disponibilità u s-sigurtà tas-sistemi informatiċi tal-Pulizija u l-uffiċċju tas-*SIRENE* fejn il-parteċipanti Maltin fil-kors infurmaw lill-parteċipanti l-oħrajn dwar is-sistemi li jużaw u x-xogħol siewi li jwettqu. Saru wkoll żjarat rikreattivi fil-Belt Valletta u l-Imdina.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonjiet ġew ikkumpilati f'dokument li ser jiġi ppreżentat fil-Kumitat tal-Kummissjoni Ewropea u fil-grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sistema ta' *Schengen*.

Nispiċċa billi nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija għad-disponibilità u għas-sapport li tana biex jiġi ppreparat u organizzat dan il-kors f'Malta.



# Fuq fuq... dwar bidu ta' prattiċi forensiċi f'Malta

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

L-ewwel indikazzjoni ta' prattiċi forensiċi fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, imur lura fl-1931. Id-Deputat Kummissarju, is-Sur Joseph Axisa (ftit wara Kummissarju) kien ta struzzjonijiet permezz ta' ċirkulari datata 14.10.1931 sabiex meta waqt investigazzjoni jiġu nnotati marki tas-swaba' fil-post tad-delitt, għandhom jinfurmaw u jindikawhom lil *Criminal Investigation Department* sabiex jinġabru minnhom stess. Sa ftit qabel dan id-dipartiment kien imwaqqaf mill-Kummissarju Claude Duncan u fl-1917 kien għadu jissejjaħ id-*Detective Office*.

Il-laboratorju tal-fotografija kien ukoll beda jagħmel parti mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali fis-snin ħamsin. Kien hemm sezzjoni tal-fotografija fi ħdan il-Korp; li ma nistgħux ngħidu li kienet tagħmel xogħol forensiku.

L-ewwel Laboratorju Forensiku f'Malta kien waqqfu l-Gvern fis-snin ħamsin. L-ewwel Direttur tiegħu kien is-Sur Wilfred Flores.

Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin, il-Pulizija Maltija kienet bagħtet xi membri tagħha l-Ingilterra għal taħriġ forensiku. Dawn kienu fost l-ewwel membri li marru barra għal taħriġ forensiku.

Din ix-xjenza forensika f'Malta nistgħu ngħidu li żviluppat jew tat il-bidu tagħha wara l-qtil li kien sar magħruf bħala 'tat-Torri tal-Għallies' fi Frar tal-1955. Meta kien ġie maqtul Toninu Aquilina ta' 35 sena, b'tir f'għonqu sparat minn arma awtomatika. Aquilina kien impjegat mal-*Malta Millers Association* u s-soltu kien jagħmel depożiti tal-flus tal-kumpanija l-bank. George Terreni, impjegat tan-*National Bank of Malta* ġewwa l-Belt Valletta, kien ġie arrestat fuq suspetti u mressaq il-qorti żmien wara fuq provi ċirkustanzjali; minħabba li sa dak iż-żmien l-għodda forensika f'Malta kienet qajla effiċjenti jew teżisti.

Kien il-Perit Dom Mintoff, Prim Ministru ta' dak iż-żmien li kien talab lil Scotland Yard sabiex jgħinu lill-Pulizija Maltija fl-investigazzjoni ta' dan id-delitt; li m'għandniex xi ngħidu kien kexkex lill-Gżejjer Maltin. Il-Pulizija Maltija xejn ma kienet attrezzata u ppreparata sabiex issolvi każijiet kriminali ta' din ix-xeħta. Għaldaqstant b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 266/1955 kienu ġew ingaġġati temporanjament fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, żewġ uffiċjali investigattivi minn Scotland Yard b'esperjenza vasta f'din it-tip ta' kriminalità. Is-Supretendent Albert V. Griffin u l-Ispettur Henry Pugh ħadu d-direzzjoni u t-tmexxija ta' din l-investigazzjoni. Wara dawn l-investigazzjonijiet, l-imsemmi George Tirreni kien tressaq il-qorti u wara li għadda ġuri kien instab ħati bi tmien voti kontra wieħed u ngħata sentenza ta' għomor il-ħabs.


[Nru. 266.]

IL-GVERNATUR fil-Kunsill għoġbu jinnomina lis-Sur Albert Victor Griffin bħala Suprintendent Temporanju tal-Pulizija, u lis-Sur Henry William Pugh bħala Spettur Temporanju tal-Pulizija.

It-30 ta' Mejju, 1955.

J. Ellul Mercer,
Prim Ministru (*ad int.*)

Lejn is-snin sebgħin, kif ukoll f'diversi okkażjonijiet oħra bejn it-tmeninijiet u d-disgħinijiet, il-Pulizija Maltija kellha wkoll offerti mill-Gvern Federali tal-Ġermanja sabiex tibgħat membri minn tagħha għal taħriġ fuq dan il-qasam ma' esperti Ġermaniżi, ġewwa laboratorji li kienu attrezzati bl-aqwa teknoloġija f'dawk iż-

joseph.q.borg@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Sur Kummissarju

Filwaqt li nirringrazzjak ghax-xoghol siewi mwettaq mill-korp tal-Pulizija, nixtieq ingib ghall-attenzjoni tieghek zewg ufficjali tal-Korp li kienu ta' ghajnuna kbira ghalija.

Nibda bl-Ispettur Arthur Mercieca, li bil-parir siewi tieghu ghini biex nirranga dizgwid li kelli ma membru tal-familja tieghi minghajr ma nirrikorri ghal proceduri li setghu jgharrqu s-sitwazzjoni. Insemmi l-mod kalm li bih ittratta mieghi s-Sur Mercieca u s-sabar biex spjegali fid-dettal dak kollu li kien hemm bzonn. F'mument fejn jien kont agitat, dan l-ufficjal wera l-kapacita tieghu li jisma u jifhem filwaqt li geghelni nirrifletti.

Nixtieq insemmi ukoll lis-Sur Alex Azzopardi mis-sezzjoni tal-muturi, li x-xitwa li ghaddiet waqaf mieghi meta kelli kaz ta' Hypothermia wara li tlajt mill-bahar. Is-Sur Azzopardi kien ta' ghajnuna u baqa jassisti mieghi sakemm kien cert li nhossni tajjeb. Rigward dan il-kaz kont cempilt il-Kwartieri tal-Pulizija biex nghaddi ringrazzjament, imma issa sirt naf b'dan l-email address.

Kazijiet bhal dawn johorgu l-lat uman u prattiku tal-ufficjali, filwaqt li jkattru r-rispett li dejjem ghandu jkun hemm lejn il-Korp.

Grazzi mill-gdid tax-xoghol siewi.

---

Nixtieq nirringrazzja lil PC 1297 li lbierah filghaxija assista lil partner tieghi bil-pacenzja kollha u malajr fehem is-sitwazzjoni tieghu. Gharaf sew kif ghandu jimxi bil-kalma. Ghalkemm ma iltqajtx mieghek nirringrazzjak minn qalbi talli kont wiehed li fhimtni mal-ewwel meta kellimtek fuq il-mobile, f'cirkostanzi bhal dawn. Bhalissa ghaddejjien minn zmien xejn sabih u meta tara nies jifmuk taghmel kuragg. God Bless you.

---

I would like to thank PC 618, stationed at Floriana, who helped me in an outstanding way yesterday afternoon when I went to report my lost wallet. He helped me with phoning the banks to block my credit cards, wrote a detailed report about my lost wallet, and prepared a form regarding the lost ID cards of my daughter and myself. He also helped me when I started feeling sick. Overall, PC 618 did his very utmost to assist me through it all. He is a young gentleman with a great heart. He did not know me yet still he treated me as if I were a friend. In my opinion, he deserves a promotion in the near future because he carries out his job really well.

While thanking the police corps for their useful job, I remain yours truly.

---

**Kunsill Lokali – PIETA' – Local Council**
"Il-Pellikan", 11, Triq K. Mifsud, Pieta' MSD 07
Phone: 21240404; 21230378. Fax: 21240606
E-mail: [illegible]

PIETÀ

Is-Sur Mario Fenech Bellizzi

13 ta' Lulju, 2017

Ghaziz Sur Fenech Bellizzi,

Mario....il-Kunsill Lokali Tal-Pieta' huwa kburi hafna b'nies bhalek li jservu ta' ghajnuna ghal residenti ohra fil-lokal tieghu.

L-intervent li ghamilt biex sfrattajt serqa minn Triq id-Duluri, Tal-Pieta' huwa azzjoni kommandabbli hafna u huwa ta' ezempju ta' kif membru tal-Korp tal-Pulizija ghandu jagixxi f'cirkostanzi bhal dawn. Aktar u aktar meta int kont *off-duty* u xorta wettaqt dmirek bl-ahjar mod.

B'azzjoni bhal din, ir-residenti u l-pubbliku in generali zgur li jhossuhom aktar sikuri fil-hajja taghhom kemm fid-djar taghhom kif ukoll waqt li jkunu fit-triq.

L-att imwettaq minnek haqqu wkoll kull tifhir minhabba li ghalkemm kont wahdek u kienu tnejn il-persuni li kienu qeghdin jippruvaw jisgassaw din ir-residenza, xorta zammejthom taht il-kontroll tieghek sakemm tlabt u gew rinforzi ohra.

Ghal darb'ohra, f'isem il-Kunsill Lokali u r-residenti kollha ta' Tal-Pieta' nixtieq nghidlek GRAZZI u PROSIT.

Tislijiet.

Keith Tanti
Sindku

---

Dear Mr Seychell,

On July 14, the Embassy of France in Malta has celebrated its National Day held at the residence in Zebbug. I wanted to thank you for the quality of service provided by the police and particularly to point out the courtesy and expertise showed by Inspector Kylie Borg.

All contacts made prior to the organisation of the ceremony and the staff availability have contributed to the success of the event while ensuring that security was both effective and discreet.

I would like to take this opportunity to express my gratitude for your support in ensuring the security of the French citizens and the Embassy during our electoral process, in particular at the occasion of the two presidential voting days followed by the two legislative voting days.

Kindly thank your staff on behalf of the Embassy of France and myself personally.

Yours sincerely,

Béatrice le Fraper du Hellen

# International Police Association - Malta Section

Neville Mercieca – *National President*

Għeżież membri u ħbieb

**Kumitat ġdid.**

Bħalma tafu, *IPA Malta* għandha kumitat ġdid għal dawn l-4 snin li ġejjin. Fil-futur qarib sejrin jiġu proposti emendi għall-Istatut sabiex isiru tibdiliet fl-istrutturi u l-komposizzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk li servew fil-kumitat preċedent iżda ma ġewx eletti, b'mod partikolari s-Segretarju Ġenerali Joseph Borda li ddedika ħafna ħin għall-IPA.

**Ikla tal-Milied:**

Nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2017, organizzajna l-ikla tradizzjonali tal-Milied fejn għal darb'oħra l-attendenza kienet waħda sabiħa u numeruża. Permezz tal-attendenza tagħkom tagħmlulna kuraġġ. Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-attendenza tiegħu kif ukoll lill-membri tal-*Jazz Band* talli bit-talent tagħhom allegraw u għenu biex din l-attività tkun suċċess.



***Membership 2018:***

Nixtiequ ninfurmawkom li l-*membership* għas-sena kurrenti tista' titħallas fl-uffiċċju tagħna ġewwa l-Kwartieri Ġenerali jew inkella *online* fuq *www.ipamalta.com*

**Ġita fi Sqallija:**

Il-Kumitat Eżekuttiv jixtieq iħabbar li nhar is-Sibt 21 ta' April 2018 sejrin ġita fi Sqallija fejn sejrin inżuru Vittorja, Ibleo, Modica u ikla f'agriturismo. Din sejra tkun parti mill-attivitajiet tagħna sabiex niċċelebraw il-54 Anniversarju mit-twaqqif ta' *IPA Malta*. Kull min huwa interessat għandu jagħmel kuntatt mal-President jew ma' PC 557 Chris Cutajar (Chippy)

**Awguri:**

F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nixtieq nawgura lilkom u l-familja l-Għid it-Tajjeb.







ipamalta@gmail.com

ADVERT

ADVERT

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Riċeviment Annwali fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija



Nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar 2018, fis-Sala Vilhena tal-Kwartieri Ġenerali tal-Korp, saret l-attività tant mistennija ta' kull sena, meta l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar jistieden lill-Pulizija rtitari għar-*reunion* annwali. Għal din l-attività attendew il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dr Michael Farrugia u s-CEO tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafà fost uffiċjali oħra.

L-attività bdiet bid-dħul tal-Bandiera Maltija, il-*Colours* tal-Korp tal-Pulizija u dik tal-MARPO. Dawn kienu akkumpanjati mill-*Pipes* and d-*Drums* tal-Korp.

Wara ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Kappillan tal-Korp, Fr Ray Bonnici OFM. Hekk kif spiċċat il-quddiesa, ingħatat tislima lil dawk il-membri u ex-membri tal-Korp li mietu matul is-sena 2017.

Malli spiċċat il-quddiesa, il-Kummissarju u l-Ministru ppreżentaw iċ-ċertifikati u x-*shields* lil numru ta' pulizija li rtiraw mis-servizz, kif ukoll lil Pulizija li wrew xi att ta' qlubija jew servizz meritwż.

Saret ukoll preżentazzjoni ta' apprezzament lill-Kummissarju s-Sur Lawrence Cutajar, għan-nom tal-membri kollha tal-MARPO mill-President tal-Għaqda, is-Sur Charles Curmi u t-Teżorier, is-Sur Joseph Borda.



Il-programm għalaq b'riċeviment li jkun mistenni minn ħafna membri tal-Għaqda, fejn wieħed jiltaqa' ma' sħabu l-antiki u jerġgħu jirrakkuntaw xi storja tal-imgħoddi u xi esperjenza sabiħa li jkunu għaddew minnha.

## Il-*Mutual Help Association* (MHA)

Il-*Mutual Help Association* jew kif inhi aktar magħrufa bħala 'tal-Mejtin', bħalissa hija suġġett fuq fomm kulħadd minħabba li dan il-fond qed jiltaqa' ma diffikultajiet finanzjarji. Dan hu fond li fih jinġemgħu kontribuzzjonijiet magħmula mill-membri tal-Korp u minn dawk li jirtiraw u li jagħżlu li jibqgħu jikkontribwixxu.

L-iskop ta' din hekk imsejħa Assoċjazzjoni jew aħjar fond, hu li tingħata somma lill-werrieta ta' membru li jkun għadu fis-servizz jew membru li jkun irtira u jmut.

Dawn l-aħħar xhur ġie nnutat li hemm diskrepanzi fil-fond tal-Korp jew aħjar fil-Fond Ġenerali. Wieħed għandu jkun jaf li jeżisti l-Fond Ġenerali li kif għidna jikkontribwixxu fih il-membri tal-Korp u kif ngħidu, bilfors, bħala kundizzjoni tal-impjieg. Bħalissa l-kontribuzzjoni li titħallas hi ta' €13.98ċ kull tliet xhur (€55.92ċ fis-sena) minn membru tal-Korp. Parti minn dawn €3.50ċ għal kull ras imorru fil-fond tal-*MHA* u €13.98ċ fis-sena minn persuna li jkun irtira mis-servizz u għażel li jibqa' jħallas.

Il-Fond Ġenerali suppost li jiġi awditjat kull sena mill-Awditur Ġenerali, iżda, matul is-snin dan qatt ma sar ħlief riċenti fis-sena 2015. L-Awditur naturalment għamel l-eżami tiegħu u ħareġ rapport li jgħid ċar u tond li l-iskema mhix sostenibbli, jiġifieri l-affarijiet ma jistax ikun li jibqgħu kif inhuma.

Meta l-membri tal-Assoċjazzjoni tagħna tkellmu mal-Kummissarju, is-Sur Lawrence Cutajar dwar dan, hu mal-ewwel ħa l-inkarigu u waqqaf Kumitat biex jistħarreġ u jirrakkomanda x'għandu jsir anke fid-dawl tar-rapport tal-Awditur. Dan il-Kumitat issa ilu jiltaqa' u wasalna biex nieħdu d-deċiżjonijiet. Wara diversi laqgħat ma' dan il-Kumitat il-membri ġew infurmati b'ittra, fl-1 ta' Jannar, 2018, li l-kontribuzzjonijiet mill-membri rtirati se jieqfu u jitħallsu lura l-ammont li kienu ħallsu matul iż-żmien flimkien ma' interessi. Madankollu, ir-reazzjoni ta' bosta membri kienet li dan kollu jerġa' jiġi rivedut. Minnufih aħna erġajna tkellimna mal-Kummissarju flimkien mal-*MPA* (Malta Police Association) u l-*POU-GWU* (Police Officers' Union) fejn il-Kummissarju ddeċieda li nerġgħu niltaqgħu f'data oħra li jagħtina aktar 'il quddiem biex finalment inressqu soluzzjoni għal dan kollu. Sadanittant, aħna bħala Kumitat qegħdin nanalizzaw is-sitwazzjoni b'diversi soluzzjonijiet biex naraw kif l-aħjar li l-*MHA* tibqa' bl-iskop tagħha. Qegħdin ukoll nieħdu parir legali dwar dan kollu fl-aħjar interess tagħna.

Ray Zammit - Segretarju

## Ftuħ tal-Uffiċċju tal-Għaqda

L-Uffiċċju tal-Għaqda li jinsab il-Menqa, ikun miftuħ kull nhar ta' Tnejn bejn id-disgħa ta' filgħodu (9.00hrs) u nofsinhar (12.00hrs) għas-servizz tal-membri tal-Għaqda.

Kull korrispondenza u miżata għandha tiġi mpustata f'dan l-indirizz:

MARPO, P.O. Box 36, Birkirkara
L-*e-mail* tal-Għaqda huwa 2011marpo@gmail.com

## Ħarġa għal Għawdex

**Ħarġa għal Għawdex ser issir nhar is-Sibt 28 t'April.**

**Għal *booking* u aktar informazzjoni għamlu kuntatt ma' wieħed minn dawn il-membri tal-Kumitat:**

**John Mizzi - 7944 4673**
**Albert Polidano - 7986 1002**
**Charles Caruana - 9927 2736**

### Jum it-Tifkira

Nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru 2017, il-Kumitat u l-membri tal-MARPO ħadu sehem fil-Parata li ssir ħdejn il-Monument tal-Gwerra, fil-Floriana. Din issa saret attività li l-membri tal-MARPO jkunu qed jistennew biex jattendu.

# Mill-Imgħoddi


Variety Entertainment
AT
THE POLICE DEPOT
(kindly lent by the Commissioner)
IN AID OF
THE VALLETTA SOCIETIES
OF
ST. VINCENT DE PAUL
FRIDAY 16TH MAY 1924
AT 5 P.M.


PROGRAMME

INTRODUCTION :- MALTA POLICE BAND

TABLEAU. "The Fortune Teller" arranged by (Mrs. C. Micallef Eynaud and Mrs. L. Abela)
POSERS: Miss A. Parlato, Miss M. Parlato and Mr. Said.

PART I.

1. CANTO — *Malia* — Tosti
Mr. R. Bondi

2. CANTO — *Lasciati Amar* — Leoncavallo
Miss A. Parnis England

TABLEAU — *"Recreation"*

3. CANTO — *Selected*
Miss L. Gauder

4. PIANO SOLO — *Prelude Op. 28* — Chopin
Miss A. Parnis England

TABLEAU — *"Return from Calvary"*

5. COMIC SONG — *The story of a Kiss* — Wal. Pink and Geo. Le Brun.

6. CANTO — *Selected*

TABLEAU — *"Ruth and Noemi"*
(Arranged by Mrs. Ph. Parnis England)

7. VIOLIN SOLO — *Souvenirs d'Amerique* — H. Vieuxtemps

PART II.

The M.P.D.C. under the direction of Inspr. Lopez
WILL GIVE
"CULL PAR GHAL PARU"
VAUDEVILLE IN 2 ACTS

Words of Q.M.S. G. CAMENZULI
Music arranged by P. C. G. ZAMMIT

PERSONNEL

Gaudenzio (*Uncle of*) ... S/ Inspr. A. Cauchi
Giulietta (*Sweetheart of*) ... Mrs. Vitt. Spiteri
Eugenio (*Count*) ... ... P.C.A. Spiteri
Antonio (*Broker*) ... ... P.S.G. Attard
Tommaso (*Servant*) ... P.S.O. Baldacchino
Marcello (*Notary*) ... ... P.C.G. Grech

God Save The King

**Programm ta' varjetà, li kien inżamm fid-*Depot* tal-Pulizija fis-16 ta' Mejju 1924, b'risq is-Soċjetà St. Vincent De Paul.**

-

ADVERT



Ex PC 1207 Alfred Ellul
1933 - 2017
1979 - 1982



Ex PC 772 Arthur Marsh
1932 - 2017
1958 - 1984



Ex PC 1233 Lawrence Grech
1960 - 2017
1987 - 1992



Ex PS 125 Nazzareno Debono
1946 - 2017
1967 - 1993



Ex PC 14 John Dingli
1927 - 2017
1944 - 1967
(Gozo)



Ex PS 162 & 201 Lawrence Seychell
1938 - 2018
1957 - 1984 & 1987 - 1991



Ex PC 390 Francis Mifsud
1926 - 2017
1943 - 1944



Ex PC 473 Francis Grixti
1925 - 2017
1948 - 1970



Ex PC 1067 Joseph Cassar
1933 - 2017
1958 - 1983



Ex PS 783 Alexander Buhagiar
1935 - 2017
1954 - 1979



Ex PC 403 Emmanuel Duca
1944 - 2018
1964 - 1978



Ex 2/SM 523 John Mallia
1936 - 2017
1959 - 1984



Ex PC 640 Joseph Agius
1939 - 2018
1960 - 1983



Ex PS 892 Paul Cassar
1948 - 2018
1966 - 1992



Ex PC 704 Victor Bugeja
1952 - 2018
1979 - 2013

Advert

Advert